Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/175

tal-25 ta' Jannar 2017

dwar l-istabbiliment ta' kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-akkomodazzjoni turistika

(notifikata bid-dokument C(2017) 299)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 28, 2.2.2017, p. 9)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1845 tal-20 ta' Ottubru 2021	L 376	1	22.10.2021
►M2	Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/705 tad-29 ta' Marzu 2023	L 92	19	30.3.2023

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 11, 16.1.2018, p. 6 (2017/175)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/175

tal-25 ta' Jannar 2017

dwar l-istabbiliment ta' kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-akkomodazzjoni turistika

(notifikata bid-dokument C(2017) 299)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

1. Il-grupp ta' prodotti "akkomodazzjoni turistika" għandu jinkludi l-provvista ta' servizzi ta' akkomodazzjoni turistika u servizzi ta' post ta' kampeġġ u kwalunkwe wieħed mis-servizzi awżiljarji li ġejjin li jkun ġestit mill-fornitur tal-akkomodazzjoni turistika:

(1) servizzi tal-ikel;

(2) faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness;

(3) żoni ħodor;

(4) postijiet għal avvenimenti uniċi bħal konferenzi tan-negozju, laqgħat jew avvenimenti ta' taħriġ;

(5) faċilitajiet sanitarji, faċilitajiet għall-ħasil u għat-tisjir jew faċilitajiet ta' informazzjoni disponibbli għat-turisti, għall-vjaġġaturi u għal dawk li jkunu alloġġjati fil-post ta' kampeġġ, għall-użu kollettiv.

2. Is-servizzi ta' trasport u l-vjaġġi ta' divertiment huma esklużi mill-grupp ta' prodotti "akkomodazzjoni turistika".

Artikolu 2

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "servizzi ta' akkomodazzjoni turistika" tfisser il-provvediment, bi ħlas, ta' akkomodazzjoni mkenna matul il-lejl fi kmamar, li talanqas tinkludi sodda, u ta' faċilitajiet sanitarji privati jew komuni, offruti lit-turisti, lill-vjaġġaturi u lil dawk li jkunu alloġġjati hemm.

(2) "servizzi ta' post ta' kampeġġ" tfisser il-provvediment, bi ħlas, ta' lottijiet tal-art mgħammra għal kwalunkwe struttura minn dawn li ġejjin: tined, karavannijiet, djar mobbli, vannijiet camper, bungalows u appartamenti, u ta' faċilitajiet sanitarji privati jew komuni, offruti lit-turisti, lill-vjaġġaturi u lil dawk li jkunu alloġġjati hemm.

(3) "servizzi tal-ikel" tfisser il-provvista ta' kolazzjon jew ta' ikliet oħra;

(4) "faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness" tfisser sawna, pixxini, faċilitajiet tal-isport u ċentru tal-benesseri li jkunu aċċessibbli għall-klijenti jew għal persuni mhux residenti jew għaż-żewġ kategoriji li huma;

(5) "żoni ħodor" tfisser parks, ġonna jew żoni oħra fuq barra miftuħin għat-turisti, għall-vjaġġaturi jew għal dawk li jkunu alloġġjati hemm.

▼B

Artikolu 3

Sabiex tingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-akkomodazzjoni turistika għandha taqa' fil-grupp ta' prodotti "akkomodazzjoni turistika" kif iddefinit fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni u trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin kif ukoll ir-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

(a) għandha tkun konformi ma' kull kriterju stabbilit fit-Taqsima A tal-Anness ma' din id-Deċiżjoni;

(b) għandha tkun konformi ma' għadd biżżejjed tal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness ma' din id-Deċiżjoni sabiex tikseb l-għadd ta' punti meħtieġa skont l-Artikoli 4 u 5.

Artikolu 4

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(b), is-servizz ta' akkomodazzjoni turistika għandu jikseb mill-inqas 20 punt.

2. L-ammont minimu ta' punti meħtieġa skont il-paragrafu 1 għandu jiżdied b'dan li ġej:

(a) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' akkomodazzjoni turistika jipprovdi servizzi tal-ikel;

(b) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' akkomodazzjoni turistika jipprovdi żoni ħodor;

(c) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' akkomodazzjoni turistika jipprovdi faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness jew 5 punti jekk dawk il-faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness ikunu jikkonsistu f'ċentru tal-benesseri li jkun aċċessibbli għal dawk li mhumiex residenti.

Artikolu 5

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(b), is-servizz ta' post għall-kampeġġ għandu jikseb mill-inqas 20 punt jew, fejn jiġu pprovduti servizzi kollettivi, 24 punt.

2. Ir-rekwiżit minimu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jiżdied b'dan li ġej:

(a) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' post għall-kampeġġ jipprovdi servizzi tal-ikel;

(b) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' post għall-kampeġġ jipprovdi żoni ħodor;

(c) 3 punti fejn il-maniġment jew is-sid tas-servizz ta' kampeġġ joffri faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness jew 5 punti jekk dawk il-faċilitajiet ta' divertiment jew tal-fitness ikunu jikkonsistu f'ċentru tal-benesseri li jkun aċċessibbli għal dawk li mhumiex residenti.

▼M1

Artikolu 6

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "akkomodazzjoni turistika" u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2025.

▼B

Artikolu 7

Għal għanijiet amministrattivi n-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta' prodotti "akkomodazzjoni turistika" għandu jkun "051".

Artikolu 8

Id-Deċiżjonijiet 2009/564/KE u 2009/578/KE huma mħassra.

Artikolu 9

B'deroga mill-Artikolu 8, applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jaqgħu fil-grupp ta' prodotti "servizz ta' akkomodazzjoni turistika" jew "servizz ta' post ta' kampeġġ" li jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu ppreżentati skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/578/KE jew fid-Deċiżjoni 2009/564/KE jew skont il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE li jkunu ingħataw skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/564/KE jew fid-Deċiżjoni 2009/578/KE jistgħu jintużaw għal 20 xahar mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

QAFAS

IL-KRITERJI TAL-EKOTIKKETTA TAL-UE

Il-kriterji għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lill-akkomodazzjoni turistika

Kriterji obbligatorji

Kriterji ġenerali tal-ġestjoni

Kriterju 1. Bażi ta' Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali

Kriterju 2. Taħriġ tal-persunal

Kriterju 3. Informazzjoni lill-klijenti

Kriterju 4. Manutenzjoni ġenerali

Kriterju 5. Monitoraġġ tal-konsum

Kriterji tal-enerġija

Kriterju 6. Apparat għat-tisħin tal-post u għat-tisħin tal-ilma effiċjenti fl-enerġija

Kriterju 7. Apparat għall-kundizzjonament tal-arja u apparat b'pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra effiċjenti fl-enerġija

Kriterju 8. Tagħmir tat-tidwil effiċjenti fl-enerġija

Kriterju 9. Regolazzjoni termali

Kriterju 10. Tifi awtomatiku tal-HVAC u tad-dawl

Kriterju 11. Apparat għat-tisħin għal barra u għall-kundizzjonament tal-arja

Kriterju 12. Akkwist ta' elettriku minn fornitur tal-elettriku rinnovabbli

Kriterju 13. Faħam u żjut għat-tisħin

Kriterji tal-ilma

Kriterju 14. Fittings effiċjenti tal-ilma: Vitjien u doċoċ tal-kamra tal-banju

Kriterju 15. Fittings effiċjenti tal-ilma: Tojlits u awrinari

Kriterju 16. Tnaqqis fil-londri permezz tal-użu mill-ġdid ta' xugamani u ħwejjeġ tas-sodda

Kriterji tal-iskart u tal-ilma mormi

Kriterju 17. Prevenzjoni tal-iskart: Pjan għat-tnaqqis tal-iskart mis-servizzi tal-ikel

Kriterju 18. Prevenzjoni tal-iskart: Prodotti li jintużaw darba biss

Kriterju 19. Għażla tal-iskart u l-bgħit tiegħu għar-riċiklaġġ

▼B

Kriterji oħra

Kriterju 20. Projbizzjoni ta' tipjip f'żoni komuni

Kriterju 21. Promozzjoni ta' mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli

Kriterju 22. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE

Kriterji fakultattivi

Kriterji ġenerali tal-ġestjoni

Kriterju 23. Reġistrazzjoni fl-EMAS, ċertifikazzjoni tal-ISO tal-akkomodazzjoni turistika (sa 5 punti)

Kriterju 24. Reġistrazzjoni fl-EMAS jew iċ-ċertifikazzjoni tal-ISO tal-forniturі (sa 5 punti)

Kriterju 25. Servizzi ekotikkettati (sa 4 punti)

Kriterju 26. Komunikazzjoni u edukazzjoni ambjentali u soċjali (sa 2 punti)

Kriterju 27. Monitoraġġ tal-konsum: Sottometraġġ tal-enerġija u tal-ilma (sa 2 punti)

Kriterji tal-enerġija

Kriterju 28. Apparat għat-tisħin tal-post u għat-tisħin tal-ilma effiċjenti fl-enerġija (sa 3 punti)

Kriterju 29. Apparat għall-kundizzjonament tal-arja effiċjenti fl-enerġija u apparat b'pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra (sa 3,5 punti)

Kriterju 30. Pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra b'output tas-sħana sa 100 kW (3 punti)

Kriterju 31. Apparat u tagħmir tat-tidwil domestiku effiċjenti fl-enerġija (sa 4 punti)

Kriterju 32. Irkupru tas-sħana (sa 3 punti)

Kriterju 33. Regolazzjoni termali u iżolament tat-twieqi (sa 4 punti)

Kriterju 34. Tifi awtomatiku ta' tagħmir u apparat (sa 4,5 punti)

Kriterju 35. Tisħin/tkessiħ distrettwali u tkessiħ minn koġenerazzjoni (sa 4 punti)

Kriterju 36. Nixxiefa tal-idejn b'sensur tal-prossimità (punt 1)

Kriterju 37. Emissjonijiet minn Ħiters tal-Post (1,5 punti)

Kriterju 38. Akkwist ta' elettriku minn fornitur tal-elettriku rinnovabbli (sa 4 punti)

Kriterju 39. Awtoġenerazzjoni ta' elettriku fuq il-post permezz ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (sa 5 punti)

Kriterju 40. Enerġija għat-tisħin minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (sa 3,5 punti)

Kriterju 41. Tisħin ta' pixxini (sa 1,5 punti)

▼B

Kriterji tal-ilma

Kriterju 42. Fittings effiċjenti tal-ilma: Vitijiet u doċoċ tal-kamra tal-banju (sa 4 punti)

Kriterju 43. Fittings effiċjenti tal-ilma: Tojlits u awrinari (sa 4,5 punti)

Kriterju 44. Konsum ta' ilma minn magni tal-ħasil tal-platti (2,5 punti)

Kriterju 45. Konsum ta' ilma minn magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ (3 punti)

Kriterju 46. Indikazzjonijiet dwar l-alkalinità tal-ilma (sa 1,5 punti)

Kriterju 47. Ġestjoni ottimizzata tal-pixxini (sa 2,5 punti)

Kriterju 48. Riċiklaġġ tal-ilma tax-xita u tal-ilma griż (sa 3 punti)

Kriterju 49. Irrigazzjoni effiċjenti (1,5 punti)

Kriterju 50. Speċijiet indiġeni u oħrajn aljeni imma mhux invażivi użati għat-tħawwil fuq barra (sa 2 punti)

Kriterji tal-iskart u tal-ilma mormi

Kriterju 51. Prodotti tal-karta (sa 2 punti)

Kriterju 52. Oġġetti li jservu għal żmien twil (sa 4 punti)

Kriterju 53. Provvista ta' xorb (2 punti)

Kriterju 54. Akkwist ta' deterġenti u ta' prodotti tal-indafa personali (sa 2 punti)

Kriterju 55. Imminimizzar tal-użu ta' prodotti tat-tindif (1,5 punti)

Kriterju 56. Tneħħija tas-silġ (punt 1)

Kriterju 57. Tessuti u għamara użata (sa 2 punti)

Kriterju 58. Ikkompostjar (sa 2 punti)

Kriterju 59. Trattament tal-ilma mormi (sa 3 punti)

Kriterji oħra

Kriterju 60. Projbizzjoni tat-tipjip fil-kmamar (punt 1)

Kriterju 61. Politika soċjali (sa 2 punti)

Kriterju 62. Manutenzjoni tal-vetturi (punt 1)

Kriterju 63. Mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli offruti (sa 2,5 punti)

Kriterju 64. Uċuħ mhux issiġillati (punt 1)

Kriterju 65. Prodotti lokali u organiċi (sa 4 punti)

Kriterju 66. Evitar ta' pestiċidi (2 punti)

Kriterju 67. Azzjonijiet ambjentali u soċjali addizzjonali (sa 3 punti)

▼B

VALUTAZZJONI U VERIFIKA

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' valutazzjoni u ta' verifika huma indikati f'kull kriterju stabbilit fis-Taqsimiet A u B.

Fejn l-applikant ikun meħtieġ jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżi, rapporti ta' testijiet, jew evidenza oħra sabiex juri konformità mal-kriterji, dawn jistgħu jiġu mingħand l-applikant jew mingħand il-fornitur(i) eċċ. tiegħu, kif ikun xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom preferenzjalment jirrikonoxxu l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittestjar u tal-ikkalibrar, u l-verifiki li jagħmlu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi. L-akkreditazzjoni għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

L-informazzjoni li tiġi estratta minn dikjarazzjonijiet ambjentali ppreżentati taħt l-iskema ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi ([2]) (EMAS) tal-Unjoni titqies bħala mezz ekwivalenti ta' prova bħall-attestazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

Fejn ikun xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar oħra għajr dawk indikati għal kull kriterju jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jitolbu dokumentazzjoni ta' appoġġ u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Il-korpi kompetenti għandhom iwettqu żjara inizjali fuq il-post qabel jagħtu l-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE u jistgħu jwettqu żjarat perjodiċi ta' segwitu fuq il-post waqt il-perjodu tal-għoti.

Bħala prerekwiżit, is-servizzi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti legali kollha rispettivi tal-pajjiż (pajjiżi) li fihom tkun tinsab l-'akkomodazzjoni turistika'. B'mod partikolari, dawn li ġejjin għandhom ikunu garantiti:

1. L-istruttura fiżika tirrispetta l-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni, nazzjonali u dawk lokali dwar l-effiċjenza enerġetika u l-iżolament termali, is-sorsi tal-ilma, it-trattament u r-rimi tal-ilma użat (inklużi tojlits kimiċi), il-ġbir u r-rimi tal-iskart, il-manutenzjoni u s-servisjar tat-tagħmir, id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà u s-saħħa u kwalunkwe liġi jew regolament rilevanti taż-żona marbut mal-konservazzjoni tal-pajsaġġ u tal-bijodiversità.

2. L-impriża tkun operazzjonali u reġistrata, kif rikjest mil-liġijiet nazzjonali jew lokali u l-persunal tagħha jkun impjegat u assigurat b'mod legali. Għal dan il-għan, il-persunal għandu jkollu kuntratt nazzjonali legali bil-miktub, għandu talanqas jitħallas il-paga minima nazzjonali jew reġjonali ffissata skont ftehimiet kollettivi (fin-nuqqas ta' ftehimiet kollettivi, il-persunal għandu talanqas jitħallas il-paga minima reġjonali jew nazzjonali legali), u s-sigħat tax-xogħol tiegħu jridu jkunu konformi mal-liġi nazzjonali.

([1]) Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

([2]) Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

▼B

L-applikant għandu jiddikjara u juri l-konformità tas-servizz ma' dawk ir-rekwiżiti, bl-użu ta' verifiki indipendenti jew evidenza dokumentata mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data (eż. awtorizzazzjoni/liċenzja ta' kostruzzjoni, dikjarazzjonijiet ta' tekniċi professjonali li jispjegaw kif il-leġislazzjoni nazzjonali u r-regolamenti lokali marbuta mal-aspetti tal-bini imsemmija hawn fuq huma sodisfatti, kopja ta' politika soċjali bil-miktub, kopji ta' kuntratti, dikjarazzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-impjegat fis-sistema tal-assigurazzjoni nazzjonali, dokumentazzjoni/reġistru uffiċjali li jelenka l-ismijiet u l-għadd ta' impjegati mill-Ispettorat jew mill-Aġent tal-Impjiegi tal-Gvern lokali) u barra minn hekk jistgħu jsiru intervisti għal għarrieda mal-persunal waqt żjarat fuq il-post.

TAQSIMA A

KRITERJI IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(a)

ĠESTJONI ĠENERALI

Kriterju 1. Bażi ta' Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali

L-akkomodazzjoni turistika għandha tistabbilixxi l-bażi ta' Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali billi timplimenta l-proċessi li ġejjin:

— **politika ambjentali** li tidentifika l-aspetti ambjentali l-aktar rilevanti dwar l-enerġija, l-ilma u l-iskart rilevanti għall-akkomodazzjoni;

— **programm ta' azzjoni** preċiż li jistabbilixxi l-miri dwar il-prestazzjoni ambjentali fir-rigward tal-aspetti ambjentali identifikati, li għandhom jiġu stabbiliti talanqas kull sentejn, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti minn din id-Deċiżjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE.

  Jekk l-aspetti ambjentali identifikati ma jkunux indirizzati minn din l-Ekotikketta tal-UE, il-miri għandhom preferibbilment ikunu bbażati fuq indikaturi tal-prestazzjoni ambjentali u parametri referenzjarji ta' eċċellenza stabbiliti mid-dokument ta' referenza dwar l-aqwa prattika ta' ġestjoni ambjentali għas-settur tat-turiżmu ([1]) (EMAS);

— proċess ta' **valutazzjoni interna** li jippermetti l-verifika tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni talanqas darba fis-sena fir-rigward tal-miri definiti fil-programm ta' azzjoni u t-twaqqif ta' azzjonijiet korrettivi jekk ikun meħtieġ.

L-informazzjoni dwar il-proċessi imsemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tkun disponibbli għall-konsultazzjoni mill-klijenti u mill-persunal.

Il-kummenti u r-reazzjonijiet mill-klijenti li jinġabru permezz tal-kwestjonarju imsemmi fil-kriterju 3 għandhom jiġu vvalutati fil-proċess ta' valutazzjoni interna u fil-programm ta' azzjoni, jekk ikun meħtieġ.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma':

— kopja tal-politika ambjentali,

— il-programm ta' azzjoni, u

— ir-rapport ta' valutazzjoni, li għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-korp kompetenti fi żmien sentejn (2) wara l-applikazzjoni, u l-verżjoni aġġornata kull sentejn.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/611 tal-15 ta' April 2016 dwar id-dokument ta' referenza dwar l-aqwa prattiki ta' ġestjoni ambjentali, l-indikaturi tal-prestazzjoni ambjentali settorjali u l-parametri referenzjarji ta' eċċellenza għas-settur tat-turiżmu skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 27).

▼B

L-applikanti li jkunu reġistrati fl-EMAS jew iċċertifikati skont l-ISO 14001 għandhom jitqiesu bħala konformi. F'dan il-każ, iċ-ċertifikat tal-ISO 14001 jew ir-reġistrazzjoni fl-EMAS għandha tingħata bħala mezz ta' prova. Fil-każ ta' ċertifikazzjoni tal-ISO 14001, mal-applikazzjoni għandu jkun hemm rapport mehmuż li jiġbor fil-qosor il-prestazzjonijiet fir-rigward tal-miri definiti fil-programm ta' azzjoni.

Kriterju 2. Taħriġ tal-persunal

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandha tipprovdi informazzjoni u taħriġ lill-persunal (inkluż persunal estern sottokuntrattat), inklużi proċeduri bil-miktub jew manwali, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' miżuri ambjentali u sabiex jiżdied l-għarfien dwar imġiba ambjentalment responsabbli skont il-kriterji obbligatorji u fakultattivi applikabbli f'din l-Ekotikketta tal-UE. B'mod partikolari, it-taħriġ tal-persunal għandu jinkludi l-aspetti li ġejjin:

(i) il-politika ambjentali u l-pjan ta' azzjoni tal-akkomodazzjoni turistika u sensibilizzazzjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE għall-akkomodazzjoni turistika;

(ii) azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija fir-rigward ta' tagħmir elettriku, sistemi għall-kundizzjonament tal-arja u ta' tisħin meta l-persunal jitlaq mill-kamra jew meta t-twieqi jkunu miftuħin;

(iii) azzjonijiet għall-iffrankar tal-ilma fir-rigward tal-iċċekkjar ta' tnixxijiet, it-tisqija, il-frekwenza tat-tibdil ta' lożor u xugamani u l-proċedura ta' kontroħasil tal-pixxini;

(iv) azzjonijiet għall-imminimizzar tal-użu ta' sustanzi kimiċi fir-rigward ta' prodotti kimiċi għat-tindif, għall-ħasil tal-platti, għad-diżinfettar, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u ta' prodotti oħra speċjali għat-tindif (eż. kontroħasil tal-pixxini) li għandhom jintużaw biss fejn ikun meħtieġ; u jekk ikun hemm informazzjoni disponibbli dwar id-dosaġġ; il-limiti ta' konsum tal-prodotti imsemmija għandhom ikunu dawk indikati fuq il-pakkett jew kif rakkomandat mill-produttur;

(v) azzjonijiet għat-tnaqqis u s-separazzjoni tal-iskart fir-rigward ta' oġġetti li jintużaw darba biss u kategoriji ta' rimi;

(vi) mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli disponibbli għall-persunal;

(vii) skont il-kriterju 3, l-informazzjoni rilevanti li l-persunal għandu jagħti lill-klijenti.

(b) Fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu tal-impjieg il-persunal ġdid kollu għandu jingħata taħriġ adegwat u l-persunal l-ieħor għandu jiġi aġġornat dwar l-aspetti imsemmija hawn fuq talanqas darba fis-sena.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dettalji tal-programm ta' taħriġ, il-kontenut tiegħu u indikazzjoni ta' min mill-persunal ikun ingħata liema taħriġ u meta. Id-dati u t-tipi ta' taħriġ tal-persunal għandhom jiġu reġistrat bħala evidenza li jkun sar dan it-taħriġ ta' aġġornament.

Kriterju 3. Informazzjoni lill-klijenti

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandha tipprovdi wkoll informazzjoni lill-klijenti sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' miżuri ambjentali u jitqajjem l-għarfien dwar imġiba ambjentalment responsabbli skont il-kriterji obbligatorji u fakultattivi applikabbli f'din l-Ekotikketta tal-UE. Dik l-informazzjoni għandha tingħata b'mod attiv lill-klijenti bil-fomm jew bil-miktub fiż-żona ta' akkoljenza jew fil-kamra u, b'mod partikolari, għandha tinkludi l-aspetti li ġejjin:

▼B

(i) il-politika ambjentali tal-akkomodazzjoni turistika u sensibilizzazzjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE għall-akkomodazzjoni turistika;

(ii) azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija fir-rigward ta' dawl elettriku, sistemi għall-kundizzjonament tal-arja u ta' tisħin meta l-klijenti jitilqu mill-kamra jew meta t-twieqi jkunu miftuħin;

(iii) azzjonijiet għall-iffrankar tal-ilma fir-rigward tal-iċċekkjar ta' tnixxijiet u l-frekwenza tat-tibdil ta' lożor u xugamani;

(iv) azzjonijiet għat-tnaqqis u s-separazzjoni tal-iskart fir-rigward ta' oġġetti li jintużaw darba biss, il-kategoriji ta' rimi u l-oġġetti li ma għandhomx jintremew mal-ilma mormi. Barra minn hekk, fil-kmamar tal-kolazzjon u taċ-ċena għandu jintwera poster jew xi materjal informattiv ieħor li jagħti pariri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel.

(v) mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli disponibbli għall-klijenti;

(vi) l-akkomodazzjoni turistika għandha tipprovdi informazzjoni lill-klijenti dwar il-punti turistiċi lokali ta' interess disponibbli, gwidi lokali, ristoranti lokali, swieq, ċentri tas-snajja'.

(b) Il-klijenti għandhom jingħataw kwestjonarju, permezz tal-Internet jew fuq il-post, fejn jintalbu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-aspetti ambjentali ġenerali tal-akkomodazzjoni turistika elenkati fil-punt a) u s-sodisfazzjon ġenerali tagħhom bil-faċilitajiet u s-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika. Għandu jkun hemm proċedura ċara fis-seħħ li tirreġistra l-kummenti u l-ilmenti tal-klijenti, ir-risposti mogħtija u l-azzjonijiet korrettivi meħuda.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' kopji tal-informazzjoni pprovduta lill-klijenti. L-applikant għandu jindika l-proċeduri fis-seħħ għat-tqassim u għall-ġbir tal-informazzjoni u tal-kwestjonarju, u dwar kif ser jitqiesu r-reazzjonijiet.

Kriterju 4. Manutenzjoni ġenerali

Manutenzjoni preventiva tat-tagħmir/apparat għandha ssir talanqas darba fis-sena, jew aktar sikwit jekk hekk ikun meħtieġ bil-liġi jew skont l-istruzzjonijiet rilevanti tal-manifattur. Il-manutenzjoni għandha tinkludi l-ispezzjoni ta' tnixxijiet possibbli u l-assigurazzjoni tal-funzjonament xieraq talanqas għat-tagħmir tal-enerġija (eż. tagħmir tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kondizzjonata (HVAC), sistemi ta' refriġerazzjoni, eċċ) u t-tagħmir tal-ilma (eż. attrezzaturi tal-plàming, sistemi ta' tisqija, eċċ.) fil-post tal-akkomodazzjoni.

Apparat li juża refriġeranti koperti mir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi spezzjonat u miżmum kif ġej:

(a) għal tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ekwivalenti għal 5 tunnellati ta' CO_2 jew aktar, iżda fi kwantitajiet ekwivalenti għal inqas minn 50 tunnellata ta' CO_2: talanqas kull kull 12-il xahar jew, fejn ikun hemm sistema għad-detezzjoni ta' tnixxijiet installata, talanqas kull kull 24 xahar;

(b) għal tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ekwivalenti għal 50 tunnellati ta' CO_2 jew aktar, iżda fi kwantitajiet ekwivalenti għal inqas minn 500 tunnellata ta' CO_2: talanqas kull sitt xhur jew, fejn ikun hemm sistema għad-detezzjoni ta' tnixxijiet installata, talanqas kull 12-il xahar;

([1]) Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

▼B

(c) għal tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ekwivalenti għal 500 tunnellata ta' CO_2 jew aktar: talanqas kull tliet xhur jew, fejn ikun hemm sistema għad-detezzjoni ta' tnixxijiet installata, talanqas kull sitt xhur.

L-attivitajiet kollha ta' manutenzjoni għandhom jiġu reġistrati f'reġistru speċifiku tal-manutenzjoni, billi jiġu speċifikati l-ammonti approssimattivi tal-ilma jnixxi mit-tagħmir tal-provvista tal-ilma.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità, flimkien ma' deskrizzjoni qasira tal-programm ta' manutenzjoni, dettalji dwar il-persuni jew il-kumpaniji li jagħmlu l-manutenzjoni u r-reġistru tal-manutenzjoni.

Kriterju 5. Monitoraġġ tal-konsum

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha proċeduri għall-ġbir u għall-monitoraġġ tad-data ta' kull xahar jew, talanqas, fis-sena, dwar l-aspetti li ġejjin bħala minimu:

(a) l-użu ta' enerġija speċifika (kWh/lejl tal-klijent u/jew kW/m^2 (fiż-żona ta' ġewwa)sena);

(b) perċentwal tal-użu tal-enerġija finali ssodisfat mill-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post (%);

(c) il-konsum ta' ilma għal kull klijent-lejl (litri/klijent-lejl) inkluż l-ilma użat għall-irrigazzjoni (jekk applikabbli) u kwalunkwe attività oħra relatata mal-konsum tal-ilma;

(d) il-ġenerazzjoni ta' skart għal kull klijent-lejl (kg/klijent-lejl). L-iskart tal-ikel għandu jiġi mmonitorjat separatament ([1]);

(e) il-konsum ta' prodotti kimiċi għat-tindif, għall-ħasil tal-platti, għall-ħasil tal-ħwejjeġ, għad-diżinfettar u ta' prodotti oħra speċjali għat-tindif (eż. kontroħasil tal-pixxini) (kg jew litri/klijent-lejl), bi speċifikazzjoni jekk ikunux lesti biex jintużaw jew ma jkunux dilwiti;

(f) il-perċentwal ta' prodotti b'tikketta tat-Tip I tal-ISO (%) użat skont il-kriterji fakultattivi applikabbli f'din id-Deċiżjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proċeduri għall-ġbir u l-monitoraġġ. L-akkomodazzjoni turistika għandha tipprovdi rapport fil-forma ta' sommarju qasir dwar id-data miġbura għall-parametri ta' konsum elenkati hawn fuq flimkien mar-rapport ta' valutazzjoni interna imsemmi fil-kriterju 1, li għandu jsir disponibbli għall-korp kompetenti fi żmien sentejn (2) wara l-applikazzjoni, u kull sentejn.

ENERĠIJA

Kriterju 6. Apparat għat-tisħin tal-post u għat-tisħin tal-ilma effiċjenti fl-enerġija

(a) Apparat idroniku għat-tisħin tal-post li jiġi installat tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu:

(i) ikun unità ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definit bid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew

([1]) Applikabbli jekk jiġi pprovdut servizz ta' ikel u l-faċilitajiet lokali tal-immaniġġjar tal-iskart jippermettu l-ġbir separat tal-iskart organiku.

([2]) Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

▼B

(ii) ikollu effiċjenza enerġetika staġunali tat-tisħin tal-post u/jew limiti tal-emissjonijiet ta' GHGs skont il-valuri fit-tabelli li ġejjin, ikkalkolati kif iddikjarat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/314/UE ([1]):

Tip ta' ħiter tal-post idroniku	Indikatur tal-effiċjenza
L-apparat kollu għat-tisħin tal-post ħlief għal ħiters b'bojler tal-bijomassa solida u ħiters b'pompa tas-sħana	*Effiċjenza Enerġetika Staġunali Minima tat-Tisħin tal-Post* (η_s) ≥ 98 %
Ħiters b'bojler tal-bijomassa solida	*Effiċjenza Enerġetika Staġunali Minima tat-Tisħin tal-Post* (η_s) ≥ 79 %

▼C1

Ħiters b'pompa tas-sħana (hemm żewġ possibilitajiet validi għal pompi tas-sħana li jużaw refriġeranti b'GWP ≤ 2 000, l-għażla 2 hija obbligatorja għal pompi tas-sħana li jużaw refriġeranti b'GWP > 2 000)	**Għażla 1** - *Effiċjenza Enerġetika Staġunali Minima tat-Tisħin tal-Post/* il-valuri GWP tar-refriġerant
	η_s ≥ 107 %/[0 – 500] η_s ≥ 110 %/(500 – 1 000] η_s ≥ 120 %/(1 000 – 2 000]
	Għażla 2 - *Limiti tal-emissjonijiet GHG*
	150 g ekwivalenti ta' CO_2/kWh fi produzzjoni ta' sħana

▼B

(b) L-apparat għat-tisħin tal-post lokali li jiġi installat tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu jkun konformi mal-effiċjenza enerġetika staġunali minima tat-tisħin tal-post stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 ([2]) jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 ([3]).

(c) L-apparat għat-tisħin tal-ilma li jiġi installat tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu talanqas ikollu l-indikaturi rilevanti tal-effiċjenza enerġetika li ġejjin:

Tip ta' ħiter tal-ilma	Enerġija indikatur tal-effiċjenza
Il-ħiters kollha tal-ilma bi profil iddikjarat ta' tagħbija ta' ≤ S	Klassi Enerġetika A ([b])
Il-ħiters kollha tal-ilma minbarra ħiters tal-ilma b'pompa tas-sħana, bi profil tat-tagħbija ddikjarat ta' > S u ≤ XXL	Klassi Enerġetika A ([b])

([1]) 2014/314/UE: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat- 28 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-ħiters idroniċi (ĠU L 164 3.6.2014, p. 83).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 tal-24 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 1).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 76).

▼B

Tip ta' ħiter tal-ilma	Enerġija indikatur tal-effiċjenza
Ħiters tal-ilma b'pompa tas-sħana bi profil tat-tagħbija ddikjarat ta' > S u ≤ XXL	Klassi Enerġetika A+ ([b])
Il-ħiters kollha tal-ilma bi profil tat-tagħbija ddikjarat ta' > XXL (3XL u 4XL)	Effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma ≥ 131 % ([c])

([b]) Kif definit fl-Anness II għar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 ([1])

([c]) Kif definit fl-Anness VI għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 ([2])

([1]) Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 83).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 tat- 2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-misħun (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 162).

(d) Unitajiet ta' koġenerazzjoni eżistenti għandhom jikkonformaw mad-definizzjoni ta' effiċjenza għolja fl-Anness III għad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew fl-Anness II għad-Direttiva 2012/27/UE jekk ikunu ġew installati wara l-4 ta' Diċembru 2012.

(e) Bojlers eżistenti tal-misħun li jaħdmu bi fjuwils likwidi jew gassużi kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE ([2]) għandhom jikkonformaw mal-istandards ta' effiċjenza talanqas ekwivalenti għal tliet stilel kif iddikjarati f'dik id-Direttiva. L-effiċjenza ta' bojlers eskluži mid-Direttiva 92/42/KEE għandha tkun konformi mal-istruzzjonijiet tal-manifattur u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u lokali dwar l-effiċjenza, iżda għal bojlers eżistenti bħal dawn (bl-eċċezzjoni ta' bojlers tal-bijomassa) ma għandhiex tiġi aċċettata effiċjenza ta' inqas minn 88 %.

Valutazzjoni u verifika

Għar-rekwiżiti (a), (b) u (c) id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lill-korp kompetenti dwar l-installazzjoni ġdida tal-apparat relevanti tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE u jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-installazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-apparat għat-tisħin tal-post u tal-ilma li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa hija sodisfatta. Prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti (a)(ii). Prodotti oħra bit-tikketti tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw xi wieħed mir-rekwiżiti elenkati fil-punti (a) sa (e) għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-punt rispettiv ta' dan il-kriterju. Meta jintużaw prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2014/314/UE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ u jindika r-rekwiżiti tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO elenkati fil-punti (a) sa (e). Għar-rekwiżiti (d) u (e) l-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet

([1]) Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija, li temenda d-Direttiva 92/42/KEE (ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-misħun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi (ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17).

▼B

tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-apparat għat-tisħin tal-post u tal-ilma li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa hija sodisfatta.

Kriterju 7. Apparat għall-kundizzjonament tal-arja u apparat b'pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra effiċjenti fl-enerġija

Apparat domestiku għall-kundizzjonament tal-arja u apparat b'pompi tas-sħana li jużaw l-arja li jiġi installat tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu talanqas ikollu l-klassijiet enerġetiċi rilevanti li ġejjin kif definit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2011 ([1]):

Tip	Klassi tal-effiċjenza enerġetika (tkessiħ/tisħin)
Monosplit < 3 kW	A+++/A+++
Monosplit 3-4 kW	A+++/A+++
Monosplit 4-5 kW	A+++/A++
Monosplit 5-6 kW	A+++/A+++
Monosplit 6-7 kW	A++/A+
Monosplit 7-8 kW	A++/A+
Monosplit > 8 kW	A++/A++
Multi-split	A++/A+

Nota: Dan il-kriterju japplika għall-kundizzjonaturi tal-arja li joperaw bil-mejnijiet tal-elettriku u għal pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra b'kapaċità nominali ta' ≤ 12 kW għat-tkessiħ, jew għat-tisħin jekk il-prodott ma jkollux funzjoni ta' tkessiħ. Dan il-kriterju ma japplikax għal apparat li juża sorsi ta' enerġija li mhumiex elettriċi; u apparat li l-parti tal-kondensur — jew tal-evaporatur tiegħu, jew it-tnejn, ma tużax l-arja bħala mezz għat-trasferiment tas-sħana.

Valutazzjoni u verifika

Id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lill-korp kompetenti dwar l-installazzjoni ġdida tal-apparat imsemmi hawn fuq tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE u jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tas-sistema għall-kundizzjonament tal-arja li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa hija sodisfatta.

▼M2

Kriterju 8. Tagħmir tat-tidwil effiċjenti fl-enerġija

(a) Fid-data tal-għoti tal-Ekotikketta tal-UE:

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2011 tal- 4 ta' Mejju 2011 li tissupplimenta d-Direttiva 2010/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja (ĠU L 178, 6.7.2011, p. 1).

▼M2

(i) talanqas 40 % tas-sorsi ta' dawl kollha fl-akkomodazzjoni turistika għandu jkollhom talanqas Klassi A kif stabbilit f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 ([1]), kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom talanqas il-Klassi D kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2015 ([2]).

(ii) talanqas 50 % tas-sorsi ta' dawl li jkunu jinsabu fejn il-lampi x'aktarx jinxteġħlu għal aktar minn ħames (5) sigħat kuljum għandu jkollhom talanqas il-Klassi A stabbilit f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 874/2012, kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom talanqas il-Klassi D kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2015.

(b) Wara mhux aktar minn sentejn mid-data tal-għoti tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE:

(i) talanqas 80 % tas-sorsi ta' dawl kollha fl-akkomodazzjoni turistika għandu jkollhom mill-inqas il-Klassi A kif stabbilit f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 874/2012, kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom talanqas il-Klassi D kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2015;

(ii) 100 % tas-sorsi ta' dawl li jkunu jinsabu fejn il-lampi x'aktarx jinxteġħlu għal aktar minn ħames (5) sigħat kuljum għandu jkollhom talanqas il-Klassi A stabbilit f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 874/2012, kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom talanqas il-Klassi D kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2015.

Nota: Il-perċentwali jiġu stabbiliti b'referenza għall-ammont totali ta' tagħmir tat-tidwil adattat biex jintużaw bozoz tad-dawl li jiffrankaw l-enerġija. Il-miri ta' hawn fuq ma japplikawx għall-apparat tat-tidwil li l-karatteristiċi fiżiċi tiegħu ma jippermettux l-użu ta' bozoz tad-dawl li jiffrankaw l-enerġija.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi rapporti bil-miktub lill-korp kompetenti li jindikaw l-ammont totali ta' bozoz u unitajiet tat-tidwil xierqa biex tintuża illuminazzjoni li tiffranka l-enerġija, is-sigħat tal-operat u l-ammont ta' bozoz u unitajiet tat-tidwil li jiffrankaw l-enerġija b'bozoz u unitajiet tat-tidwil effiċjenti fl-enerġija talanqas tal-Klassi A kif stabbilit f'konformità mal-Anness VI għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 874/2012, kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom is-sorsi tad-dawl tal-anqas il-Klassi D tal-effiċjenza enerġetika kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2015. Ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll l-ispjegazzjoni dwar l-impossibbiltà tas-sostituzzjoni ta' bozoz u unitajiet tat-tidwil fejn il-karatteristiċi fiżiċi ma jippermettux l-użu ta' bozoz u unitajiet tat-tidwil li jiffrankaw l-enerġija. Għandhom jiġu pprovduti żewġ rapport, l-ewwel wieħed fid-data tal-applikazzjoni u t-tieni wieħed mhux aktar tard minn sentejn mid-data tal-għoti rispettivament.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 tat- 12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-bozoz tal-elettriku u l-unitajiet tat-tidwil (ĠU L 258, 26.9.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2015 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 68).

▼M2

Il-karatteristiċi fiżiċi li jistgħu jimpedixxu l-użu ta' bozoz li jiffrankaw l-enerġija jistgħu jinkludu: unitajiet dekorattivi tat-tidwil li jkunu jeħtieġu bozoz u l-unitajiet tat-tidwil speċjalizzati; tidwil li jista' jitbaxxa; sitwazzjonijiet fejn jista' ma jkunx hemm unitajiet tat-tidwil li jiffrankaw l-enerġija disponibbli. Fejn dan ikun il-każ, għandha tingħata evidenza biex jintwera għaliex ma jistgħux jintużaw bozoz u unitajiet tat-tidwil li jiffrankaw l-enerġija. Dan jista' jinkludi, per eżempju, evidenza fotografika tat-tip ta' unitajiet ta' tidwil installati.

▼B

Kriterju 9. Regolazzjoni termali

It-temperatura fiż-żoni komuni kollha (pereżempju fir-ristoranti, fiż-żoni lawnġ, u fil-kmamar tal-konferenzi) għandha tiġi regolata b'mod individwali fi ħdan il-medda stabbilita li ġejja

(i) Il-valur ipprogrammat tat-temperatura fiż-żoni komuni, waqt li tkun fil-modalità ta' tkessiħ, jiġi stabbilit f'temperatura ta' aktar minn 22 °C (+/– 2 °C fuq talba tal-klijenti) tul is-sajf kollu.

(ii) Il-valur ipprogrammat tat-temperatura fiż-żoni komuni, waqt li tkun fil-modalità ta' tisħin, jiġi stabbilit f'temperatura ta' inqas minn 22 °C (+/– 2 °C fuq talba tal-klijenti) tul ix-xitwa kollha.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar is-sistemi termoregolatorji, jew il-proċeduri segwiti biex jiġu stabbiliti l-meded magħżula tat-temperatura.

Kriterju 10. Tifi awtomatiku tal-HVAC u tad-dawl

(a) Is-sistemi/apparat tal-HVAC li jiġi installat tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu jkun mgħammar b'sistema ta' tifi awtomatiku meta jinfetħu t-twieqi u meta l-klijenti jitilqu mill-kamra.

(b) Tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE, waqt il-kostruzzjoni u/jew waqt ir-rinnovazzjoni ta' kull akkomodazzjoni għall-kiri/kamra tal-klijenti ġdida u/jew rinnovata, għandhom jiġu installati sistemi awtomatiċi (eż. sensuri, ċavetta/kard ċentralizzata, eċċ.) li jitfu d-dawl kollu meta l-klijenti jitilqu mill-kamra.

Nota: Akkomodazzjonijiet żgħar (sa 5 kmamar) huma eżenti.

Valutazzjoni u verifika

Tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE d-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lill-korp kompetenti dwar l-installazzjoni ġdida ta' sistemi jew ta' apparat ta' tidwil u ta' HVAC b'tifi awtomatiku u jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni jew għall-manutenzjoni ta' dawn is-sistemi/apparat.

▼B

Kriterju 11. Apparat għat-tisħin għal barra u għall-kundizzjonament tal-arja

L-akkomodazzjoni turistika ma għandha tuża l-ebda apparat għat-tisħin għal barra jew għall-kundizzjonament tal-arja.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju. Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

Kriterju 12. Akkwist ta' elettriku minn fornitur tal-elettriku rinnovabbli

(a) ►C1 Sakemm ma japplikax il-paragrafu (b), fil-każ li jkun hemm forniturі ta' tariffi ekoloġiċi individwali li joffru 50 % tal-elettriċità minn sorsi rinnovabbli jew ta' ċertifikati GOs separati fil-lokalità tal-akkomodazzjoni: ◄

L-akkomodazzjoni turistika għandha tikkuntratta talanqas 50 % tal-elettriku tagħha minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif definit fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għal dan il-għan:

L-akkomodazzjoni turistika għandha preferenzjalment tikkuntratta **tariffa individwali tal-elettriku** li talanqas 50 % tal-elettriku tagħha jkun ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dan ir-rekwiżit ikun sodisfatt jew fil-każ li jiġi żvelat li talanqas 50 % tat-taħlita ġenerali tal-fjuwil ikkumerċjalizzata mill-fornitur tkun rinnovabbli jew fil-każ li jiġi żvelat li talanqas 50 % tat-taħlita tal-fjuwil tal-prodott tat-tariffa mixtrija tkun rinnovabbli.

Jew

Alternattivament l-ammont minimu ta' 50 % ta' enerġija rinnovabbli jista' anke jiġi akkwistat permezz tax-**xiri diżaggregat** ta' garanziji tal-oriġini (GOs) kif definit fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2009/28/KE li jkunu ġew innegozjati b'mod konformi mal-Prinċipji u r-Regoli tal-Operat tas-Sistema Ewropea ta' Ċertifikazzjoni tal-Enerġija (EECS). Għal din l-alternattiva, għandhom jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Ir-regolamenti nazzjonali kemm tal-pajjiż li jesporta u ta' dak li jimporta jipprovdu protokolli tad-dominju li jkunu akkreditati mill-Assoċjazzjoni tal-Korpi Emittenti (AIB) skont il-Prinċipji u r-Regoli tal-Operat tal-EECS sabiex jiġi evitat għadd doppju fil-każ li l-klijent jagħżel ix-xiri diżaggregat ta' GOs.

(ii) L-ammont ta' GOs akkwistati permezz tax-xiri diżaggregat mixtri ma jaqbilx mal-konsum tal-elettriku tal-applikant tul l-istess perjodu ta' żmien.

(b) Fil-każ li fil-post fejn tkun tinsab l-akkomodazzjoni jkun hemm **talanqas 5 forniturі ta' tariffi individwali tal-elettriku li joffru 100 %** tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-akkomodazzjoni turistika għandha tikkuntratta 100 % tal-elettriku tagħha minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' tariffa ekoloġika individwali. Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat jew f'każ li t-taħlita ġenerali tal-fjuwil ikkumerċjalizzata mill-fornitur tiġi żvelata li hija 100 % rinovabbli jew f'każ li t-taħlita tal-fjuwil tal-prodott tat-tariffa mixtrija tiġi żvelata bħala li hija 100 % rinovabbli.

([1]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

▼B

Nota: L-akkomodazzjoni turistika li taqa' barra minn a) jew b) hija eżentata. Huma biss dawk il-forniturili joffru l-qawwa elettrika u l-vultaġġ mitlub mill-Akkomodazzjoni Turistika li jammontaw għall-għadd minimu ta' forniturimsemmi fil-każijiet a) u b).

Valutazzjoni u verifika

Għall-applikanti li jikkonformaw mal-punt (a), l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mingħand il-fornitur (i) tal-elettriku/garanziji tal-oriġini (jew il-kuntratt(i) miegħu/magħhom) li turi n-natura tas-sors (i) tal-enerġija rinnovabbli u l-perċentwal tal-elettriku fornut li jkun ġej minn sors rinnovabbli u l-lista ta' fornituri ta' tariffi ekoloġiċi li jipprovdu elettriku ekoloġiku fil-post fejn tkun tinsab l-akkomodazzjoni. Barra minn hekk, għall-applikanti li jkunu qed jużaw l-akkwist diżaggregat fil-punt (a), għandhom jiġu pprovduti dikjarazzjonijiet mill-fornitur tal-garanziji tal-oriġini li juru l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq imsemmija fil-punt (a).

Applikanti li ma jkollhomx aċċess għal fornituri li joffru t-tariffa tal-elettriku deskritta hawn fuq jew garanziji tal-oriġini fil-post fejn tkun tinstab l-akkomodazzjoni għandhom jipprovdu evidenza dokumentata dwar in-nuqqas ta' aċċess għal fornituri ta' tariffi ekoloġiċi u ta' GOs diżaggregati.

Skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE, sorsi ta' enerġija rinnovabbli tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx, dik aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet.

Kriterju 13. Faħam u żjut għat-tisħin

Ma għandhom jintużaw ebda żjut għat-tisħin li jkollhom kontenut ta' kubrit ogħla minn 0,1 % u ebda faħam bħala sors ta' enerġija.

Nota: Dan il-kriterju japplika biss għall-akkomodazzjonijiet turistiċi li għandhom sistema indipendenti tat-tisħin.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, li tindika n-natura tas-sorsi ta' enerġija użati. Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

ILMA

Kriterju 14. Fittings effiċjenti tal-ilma: Viti u doċoċ tal-kamra tal-banju

Mingħajr preġudizzju għar-regolament lokali jew nazzjonali dwar ir-rata tal-fluss tal-ilma minn viti u doċoċ tal-kamra tal-banju, ir-rata medja tal-fluss tal-ilma tal-vitijiet u doċoċ tal-kamra tal-banju ma għandhiex taqbeż it-8,5 litri/minuta.

Nota: banjijiet, bexxiexi tad-doċċa li jimitaw ir-raxx tax-xita u bexxiexi għall-massaġġi huma eżenti.

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, u dokumentazzjoni rilevanti, flimkien ma' spjegazzjoni dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa l-kriterju, (eż. l-użu ta' miter tal-fluss jew barmil żgħir u arloġġ). Prodotti ta' rubinetterija sanitarja bl-Ekotikketta tal-UE jew prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq għandhom jitqiesu bħala konformi. Meta jintużaw prodotti ta' rubinetterija sanitarja bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2013/250/UE ([1]). Fejn jintużaw prodotti b'tikketta oħra tat-Tip I, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ u jindika r-rekwiżiti tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO li huma l-istess bħal dawk imsemmija hawn fuq.

Kriterju 15. Fittings effiċjenti tal-ilma: tojlits u awrinari

Mingħajr preġudizzju għar-regolament lokali jew nazzjonali dwar it-tojlits u l-awrinari bil-flaxing,

(a) Flaxing kontinwu mhuwiex permess f'ebda awrinarju fl-akkomodazzjoni.

(b) Tojlits li jiġu installati tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandu jkollhom flaxxjatura effettiva tat-tojlit ta' ≤ 4,5 L.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn. Għar-rekwiżit (b) id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lill-korp kompetenti dwar l-installazzjoni ġdida ta' tojlits tul id-durata tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn. Prodotti ta' tojlits u awrinari bil-flaxing bl-Ekotikketta tal-UE jew tojlits u awrinari b'tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija hawn fuq għandhom jitqiesu bħala konformi. Fejn jintużaw prodotti ta' tojlits u awrinari bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ li turi li l-Ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/641/UE ([2]). Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ u jindika r-rekwiżiti tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO li huma l-istess bħal dawk imsemmija hawn fuq.

Kriterju 16. Tnaqqis fil-londri permezz tal-użu mill-ġdid ta' xugamani u ħwejjeġ tas-sodda

L-akkomodazzjoni turistika għandha tbiddel il-lożor u x-xugamani awtomatikament skont il-frekwenza stabbilita mill-programm ta' azzjoni ambjentali tagħha li għandha tkun ta' inqas minn kuljum sakemm din ma tkunx rikjesta mil-liġi jew mir-regolamenti nazzjonali jew tkun stabbilita minn skema ta' ċertifikazzjoni ta' parti terza li fiha jkun qed jipparteċipa s-servizz ta' akkomodazzjoni. Tibdil aktar frekwenti għandu jsir biss fuq talba espliċita tal-klijenti.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni rilevanti dwar il-frekwenza stabbilita mill-akkomodazzjoni turistika, jew miċ-ċertifikazzjoni ta' parti terza jew mil-liġi jew mir-regolamenti nazzjonali.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/250/UE tal-21 ta' Mejju 2013 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għar-rubinetterija sanitarja (ĠU L 145, 31.5.2013, p. 6).

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/641/UE tas-7 ta' Novembru 2013 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għat-tojlits u l-awrinari bil-flaxing (ĠU L 299, 9.11.2013, p. 38).

▼B

SKART U ILMA MORMI

Kriterju 17. Prevenzjoni tal-iskart: Pjan għat-tnaqqis tal-iskart mis-servizzi tal-ikel

Mingħajr preġudizzju għar-regolament lokali jew nazzjonali dwar il-provvista ta' servizzi tal-ikel:

(a) Bil-għan li jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ: Għas-servizzi tal-ikel ma għandhomx jintużaw pakketti ta' doża waħda għal prodotti tal-ikel li ma jmorrux (eż. kafè, zokkor, trab taċ-ċikkulata (ħlief għall-boroż tat-tè).

(b) Bil-għan li jiġi bbilanċjat l-iskart mill-imballaġġ/ikel skont l-istaġun: Għall-prodotti kollha tal-ikel li jmorru malajr (eż. jogurt, ġamm, għasel, prieżet, pasti), l-akkomodazzjoni turistika għandha timmaniġġja l-provvista ta' ikel lill-klijenti sabiex jiġi minimizzat kemm l-iskart mill-imballaġġ u tal-ikel. Għal dan il-għan, l-akkomodazzjoni turistika għandha ssegwi proċedura dokumentata marbuta mal-programm ta' azzjoni (kriterju 1) li tispeċifika kif il-bilanċ bejn l-iskart tal-ikel/skart mill-imballaġġ jiġi ottimizzat abbażi tal-għadd ta' klijenti.

Eżenti minn dan il-kriterju: ħwienet u magni tal-bejgħ immaniġġjati mill-akkomodazzjoni turistika u zokkor u kafè f'doża unika ġewwa l-kmamar bil-kundizzjoni li l-prodotti użati għal dan il-għan ikunu ċertifikati bħala kummerċ ġust u/jew organiċi, u l-kapsuli tal-kafè użati (jekk applikabbli) jingħataw lura lill-produttur għar-riċiklaġġ.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u l-proċedura dokumentata li tiddeskrivi kif jiġi minimizzat kemm l-iskart tal-ikel u mill-imballaġġ. Għandha tiġi pprovduta wkoll kwalunkwe leġislazzjoni li teħtieġ l-użu ta' prodotti f'doża unika. Jekk applikabbli, għandha tiġi provduta dokumentazzjoni li turi s-sodisfar tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal eżenzjoni (eż. dikjarazzjoni mingħand il-produttur dwar it-teħid lura tal-kapsuli tal-kafè, tikketta tal-imballaġġ li turi li l-prodott huwa organiku u/jew tal-kummerċ ġust). Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

Ikel li jmur malajr huwa definit bħala li huwa soġġett għal moffa jew tħassir, normalment ikel li, pereżempju, ikun ġie minimament ipproċessat jew inkella ma jkunx ġie ppreservat b'mod ieħor u li jiddependi fuq ħżin refriġerat sabiex titnaqqas ir-rata ta' tħassir u t-telf tal-kwalità (Codex Alimentarius).

Kriterju 18. Prevenzjoni tal-iskart: Prodotti li jintużaw darba biss

(a) Fil-kmamar ma għandux ikun hemm prodotti ta' ndafa personali li jintużaw darba biss (brieret tad-doċċa, xkupilji, limi tad-dwiefer, xampù, sapun eċċ.) disponibbli għall-klijenti sakemm dawn ma jintalbux mill-klijenti jew ikun hemm obbligu legali jew huwa rekwiżit ta' skema indipendenti ta' klassifikazzjoni tal-kwalità/ta' ċertifikazzjoni jew tal-politika dwar il-kwalità tal-katina ta' lukandi li tagħha l-akkomodazzjoni turistika hija membru.

(b) Fil-kmamar u fis-servizz tar-ristoranti/bars ma għandux ikun hemm oġġetti għas-servizz tal-ikel li jintużaw darba biss (reċipjenti tax-xaqquf, pożati u buqari tal-ilma) disponibbli għall-klijenti sakemm l-applikant ma jkollux ftehim ma' riċiklatur għal dawn l-oġġetti.

(c) Fil-kmamar ma għandhomx jintużaw xugamani u lożor li jintużaw darba biss (lożor li jistgħu jinġibdu minn taħt persuni morda mingħajr il-bżonn li s-sodda terġa tinfirex huma esklużi).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni rilevanti li tispjega kif il-kriterju huwa sodisfatt. Għandha tiġi pprovduta wkoll kwalunkwe leġislazzjoni jew skema indipendenti tal-klassifikazzjoni tal-kwalità/ta' ċertifikazzjoni li teħtieġ l-użu ta' prodotti li jintużaw darba biss. Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

▼B

Kriterju 19. Għażla tal-iskart u l-bgħit tiegħu għar-riċiklaġġ

(a) Mingħajr preġudizzju għar-regolament lokali jew nazzjonali dwar is-separazzjoni tal-iskart, għandu jkun kontenituri xierqa disponibbli għas-separazzjoni tal-iskart mill-klijenti fil-kmamar u/jew fuq kull sular u/jew f'punt ċentrali tal-akkomodazzjoni turistika.

(b) L-akkomodazzjoni turistika għandha tissepara l-iskart fil-kategoriji meħtieġa jew kif issuġġerit mill-faċilitajiet lokali disponibbli għall-immaniġġjar tal-iskart, b'attenzjoni partikolari fir-rigward ta' prodotti tal-indafa personali u skart perikoluż eż., toners, linka, tagħmir tar-refriġerazzjoni u tal-elettriku, batteriji, bozoz li jiffrankaw id-dawl, prodotti farmaċewtiċi u xaħmijiet/żjut.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' indikazzjoni tal-kategoriji differenti ta' skart aċċettati mill-awtoritajiet lokali, u/jew il-kuntratti rilevanti ma' servizzi tar-riċiklaġġ. Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

KRITERJI OĦRA

Kriterju 20. Projbizzjoni ta' tipjip f'żoni komuni u fil-kmamar

(a) it-tipjip għandu jkun projbit fiż-żoni komuni interni kollha.

(b) It-tipjip għandu jkun projbit f'talanqas 80 % tal-kmamar tal-klijenti jew fl-akkomodazzjonijiet tal-kiri (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u evidenza dokumentata bħal stampi tas-sinjali murija ġewwa l-akkomodazzjoni turistika. L-applikant għandu jindika l-għadd ta' kmamar tal-klijenti u għandu jindika f'liema minn dawn ma jistax isir tipjip.

Kriterju 21. Promozzjoni ta' mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli

Fuq is-sit web tal-akkomodazzjoni (jekk disponibbli) u fuq il-post għandu jkun hemm informazzjoni disponibbli għall-klijenti u għall-persunal dwar dawn li ġejjin:

(a) dettalji dwar mezzi ta' trasport preferibbilment ambjentali lokalment disponibbli għal ġiti turistiċi madwar il-belt/villaġġ fejn tkun tinsab l-akkomodazzjoni turistika (trasport pubbliku, roti, eċċ.);

(b) dettalji dwar mezzi ta' trasport preferibbilment ambjentali lokalment disponibbli biex tasal/titlaq mill-belt/villaġġ fejn tkun tinsab l-akkomodazzjoni turistika;

(c) jekk disponibbli, offerti speċjali jew ftehimiet ma' aġenziji tat-trasport li l-akkomodazzjoni turistika tista' toffri lill-klijent u lill-persunal. (eż. servizz ta' trasport mal-wasla, trasport kollettiv għall-persunal, karozzi elettriċi, eċċ.)

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' kopji tal-informazzjoni disponibbli pereżempju fuq siti web, fuljetti, eċċ.

▼B

Kriterju 22. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE

It-tikketta fakultattiva b'kaxxa għall-kitba għandha tinkludi dan it-test:

"Din l-akkomodazzjoni turistika qed tieħu miżuri b'mod attiv biex tnaqqas l-impatt ambjentali tagħha

— promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli,

— konservazzjoni tal-enerġija u l-ilma,

— u tnaqqis l-iskart."

Il-linji gwida għall-użu tat-tikketta fakultattiva bil-kaxxa tal-kliem jinsabu fil-"Linji Gwida għall-Użu tal-Logo tal-Ekotikketta tal-UE" fis-sit web:

http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u jispjega fuq liema mezz biħsiebu juri l-logo.

TAQSIMA B

KRITERJI IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(b)

ĠESTJONI ĠENERALI

Kriterju 23. Reġistrazzjoni fl-EMAS, ċertifikazzjoni tal-ISO tal-akkomodazzjoni turistika (sa 5 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandha tkun reġistrata taħt l-iskema ta' mmaniġġjar u awditjar ekoloġiċi (EMAS) (5 punti) jew ċertifikata skont l-istandard tal-ISO 14001 (3 punti) jew ċertifikata skont l-istandard ISO 50001 (2 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi evidenza xierqa tar-reġistrazzjoni fl-EMAS jew taċ-ċertifikazzjoni(jiet) tal-ISO.

Kriterju 24. Reġistrazzjoni fl-EMAS jew iċ-ċertifikazzjoni tal-ISO tal-fornituri (sa 5 punti)

Mill-inqas tnejn mill-fornituri ewlenin jew mill-fornituri tas-servizzi tal-akkomodazzjoni turistika għandhom ikunu lokali u jkunu reġistrati fl-EMAS (5 punti) jew ċertifikati skont l-ISO 14001 (2 punti) jew ċertifikata skont l-istandard ISO 50001 (1.5 punti).

Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, fornitur ta' servizz lokali huwa meqjus li huwa fornitur li jkun jinsab f'raġġ ta' 160 kilometru mill-akkomodazzjoni turistika.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi evidenza xierqa tar-reġistrazzjoni fl-EMAS jew taċ-ċertifikazzjoni(jiet) tal-ISO ta' mill-anqas tnejn mill-fornituri ewlenin tiegħu.

Kriterju 25. Servizzi ekotikkettati (sa 4 punti)

Il-londri u/jew it-tindif kollu li jiġi esternalizzat isir minn fornitur li jkun ingħata t-tikketta tat-Tip I tal-ISO (2 punti għal kull servizz, sa massimu ta' 4 punti).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi evidenza xierqa taċ-ċertifikazzjoni tat-Tip I tal-ISO mil-londri u/jew mill-forniturі tat-tindif.

Kriterju 26. Komunikazzjoni u edukazzjoni ambjentali u soċjali (sa 2 punti)

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandha tipprovdi lill-klijenti komunikazzjoni ambjentali u avviżi ta' edukazzjoni dwar il-miżuri għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, tal-pajżaġġ u tan-natura lokali (punt 1).

(b) Id-divertiment għar-residenti għandu jinkludi elementi ta' edukazzjoni ambjentali (eż. kotba, animazzjonijiet, avvenimenti) (punt 1).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn.

Kriterju 27. Monitoraġġ tal-konsum: Sottometraġġ tal-enerġija u tal-ilma (sa 2 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha miters tal-enerġija u tal-ilma installati sabiex tkun tista' tinġabar informazzjoni dwar il-konsum tal-attivitajiet u/jew tal-magni differenti, bħall-kategoriji li ġejjin (punt 1 għal kull kategorija, sa massimu ta' 2 punti):

(a) Kmamar,

(b) Lottijiet ta' art,

(c) Servizz tal-londri,

(d) Servizz tal-kċina,

(e) Magni speċifiċi (eż. refriġeraturi, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' mappa li turi l-post fejn ikunu mqiegħda l-miters.

ENERĠIJA

Kriterju 28. Apparat għat-tisħin tal-post u għat-tisħin tal-ilma effiċjenti fl-enerġija (sa 3 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandha talanqas ikollha:

(a) apparat idroniku għat-tisħin tal-post li jissodisfa l-kriterju 6(a) (punt 1);

(b) apparat għat-tisħin tal-post lokali b'talanqas il-Klassi enerġetika A kif definit fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 ([1]) (punt 1).

(c) apparat idroniku għat-tisħin tal-ilma li jissodisfa l-kriterju 6(ċ) (punt 1).

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 tal-24 ta' April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post lokali (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 20).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-apparat għat-tisħin tal-post u tal-ilma li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa skont il-kriterju 6 (a), (b) u (c) hija sodisfatta. Ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżit skont il-kriterju 6 (a)(ii). Prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw xi wieħed mir-rekwiżiti elenkati fil-kriterju 6 (a), (b) u (c) għandhom jitqiesu bħala konformi. Meta jintużaw prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2014/314/UE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ, u jindika r-rekwiżiti tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO elenkati fil-punti (a), (b) u (c).

Kriterju 29. Apparat għall-kundizzjonament tal-arja effiċjenti fl-enerġija u apparat b'pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra (sa 3,5 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandha tikkonforma ma' wieħed minn dawn il-limiti:

(a) 50 % tal-kundizzjonaturi tal-arja domestiċi jew tal-pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom effiċjenza enerġetika li hija talanqas 15 % ogħla mil-limitu stabbilit fil-kriterju 7 (1,5 punti).

(b) 50 % tal-kundizzjonaturi tal-arja domestiċi jew tal-pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom effiċjenza enerġetika li hija talanqas 30 % ogħla mil-limitu stabbilit fil-kriterju 7 (3,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tas-sistema tal-kundizzjonament tal-arja li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa hija sodisfatta.

Kriterju 30. Pompi tas-sħana li jużaw l-arja ta' barra b'output tas-sħana sa 100 kW (3 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandha talanqas ikollha pompa tas-sħana li tuża l-arja ta' barra li tissodisfa l-kriterju 7 (jekk applikabbli, ara n-nota fil-kriterju 7) u li tkun ingħatat l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE ([1]) jew tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli għall-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni ta' pompa tas-sħana bbażata fuq l-arja li jindikaw kif l-effiċjenza meħtieġa hija sodisfatta (jekk applikabbli). Meta jintużaw prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2007/742/KE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/742/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-pompi tas-sħana mħaddma bl-elettriku, bil-gass jew bl-assorbiment tal-gass (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 14).

▼M2

Kriterju 31. Apparat u tagħmir tat-tidwil domestiku effiċjenti fl-enerġija (sa 4 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha apparat effiċjenti fl-enerġija għall-kategoriji li ġejjin (0,5 punti jew punt 1 għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin, sa massimu ta' 4 punti):

(a) apparat refriġeranti domestiku, li minnu talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom it-Tikketta Enerġetika tal-UE kklassifikata bħala Klassi A++ jew aħjar kif stabbilit fl-Anness IX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 ([1]), kif applikabbli fit-28 ta' Frar 2021, jew għandhom ikunu talanqas tal-Klassi D tal-effiċjenza enerġetika kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2016 ([2]);

(b) fran elettriċi domestiċi, li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom it-Tikketta Enerġetika tal-UE kklassifikata fil-Klassi A++ jew aħjar kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 ([3]);

(c) magni tal-ħasil tal-platti domestiċi, li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom it-Tikketta Enerġetika tal-UE kklassifikata fil-Klassi A++ jew aħjar kif stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 ([4]), kif applikabbli fit-28 ta' Frar 2021, jew għandhom ikunu talanqas tal-Klassi C tal-effiċjenza enerġetika kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2017 ([5]);

(d) magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu it-Tikketta Enerġetika tal-UE fil-Klassi A++ jew aħjar kif stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 ([6]), kif applikabbli fit-28 ta' Frar 2021, jew għandhom ikunu talanqas tal-Klassi A tal-effiċjenza enerġetika kif stabbilit f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2014 ([7]);

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 17).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2016 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija ta' apparat refriġeranti u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 102).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 tal-1 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta lid-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers (ĠU L 29, 31.1.2014, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 tat- 28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2017 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-platti domestiċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 134).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 47).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2014 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi u tal-magni tal-ħasil u tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 u d-Direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 29).

▼M2

(e) tagħmir tal-uffiċċju, li talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) jikkonforma ma' dan li ġej:

i. it-tagħmir tal-uffiċċju mixtri qabel l-20 ta' Frar 2018, skont il-ftehimiet stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE) 2015/1402 ([1]) u 2014/202/UE ([2]) huwa kkwalifikat kif ġej:

— huwa konformi mal-Energy Star v6.1 għall-kompjuters;

— huwa konformi mal-Energy Star v6.0 għad-displejs;

— huwa konformi mal-Energy Star v2.0 għat-tagħmir tal-immaġini;

— huwa konformi mal-Energy Star v1.0 għall-provvisti tal-enerġija mingħajr interruzzjoni;

— huwa konformi mal-Energy Star v2.0 għas-servers tal-intrapriża;

ii. it-tagħmir tal-uffiċċju mixtri wara l-20 ta' Frar 2018, huwa kkwalifikat kif ġej:

— huwa konformi mal-EN ISO 14024 ([3]) tat-tip I tal-ekotikketta , għal tagħmir tal-uffiċċju għajr l-unitajiet tal-wiri elettroniċi,

— jiġi talanqas taħt il-Klassi E tal-effiċjenza enerġetika f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013 ([4]), għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi;

(f) magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi, li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu tat-Tikketta Enerġetika tal-UE kklassifikata fil-Klassi A++ jew aħjar kif stabbilit fl-Anness VI għar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 ([5]);

(g) vacuum cleaners domestiċi, li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandu jkollhom konsum annwali tal-enerġija (AE) kif stabbilit fl-Anness II, il-punt 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 ([6]) inqas minn 28 kWh/sena;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1402 tal-15 ta' Lulju 2015 li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' deċiżjoni tal-entitajiet amministrattivi skont il-ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir tal-uffiċċju dwar ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kompjuters inklużi fl-Anness C tal-Ftehim (ĠU L 217, 18.8.2015, p. 9).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/202/UE tal-20 ta' Marzu 2014 li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni tal-Entitajiet Amministrattivi skont il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni tal-programmi ta' tikkettar tal-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir tal-uffiċċju dwar iż-żieda tal-ispeċifikazzjonijiet għas-servers tal-kompjuter u l-provvisti tal-enerġija mingħajr interruzzjoni mal-Anness C tal-Ftehim u dwar ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għad-displejs u t-tagħmir tal-immaġni inkluż fl-Anness C tal-Ftehim (ĠU L 114, 16.4.2014, p. 68).

([3]) EN ISO 14024. Environmental labels and declarations – Type I environmental declarations – Principles and procedures. It-tieni edizzjoni 2018-02.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 (ĠU L 315, 5.12.2019, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal-1 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi (ĠU L 123, 9.5.2012, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-vacuum cleaners (ĠU L 192, 13.7.2013, p. 24).

▼M2

(h) bozoz elettriċi u unitajiet tat-tidwil li minnhom talanqas 50 % (0,5 punti) jew 90 % (punt 1) (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu mill-inqas tal-Klassi A++ kif stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012, kif applikabbli fil-31 ta' Awwissu 2021, jew għandu jkollhom mill-inqas tal-Klassi C kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2015.

Nota: Il-kriterju ma japplikax għal apparat u unitajiet tat-tidwil li mhumiex koperti mir-Regolament imsemmi għal kull kategorija (eż. apparat industrijali).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dokumentazzjoni li tindika l-klassi tal-effiċjenza enerġetika (ċertifikat Energy Star għall-kategorija (e)) tal-apparat kollu għall-kategorija applikabbli mixtrija qabel l-20 ta' Frar 2018.

L-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat EN ISO 14024 tat-tip 1 tal-Ekotikketta tal-apparati rilevanti kollha jew id-dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika, (bħal fatturi, skedi tekniċi u dikjarazzjonijiet tal-manifattur), tal-apparati kollha għall-kategorija applikabbli mixtrija wara l-20 ta' Frar 2018.

▼B

Kriterju 32. Irkupru tas-sħana (sa 3 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha sistema għall-irkupru tas-sħana għal waħda (1,5 punti) jew għal tnejn (3 punti) mill-kategoriji li ġejjin: sistemi ta' refriġerazzjoni, ventilaturi, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, magni tal-ħasil tal-platti, pixxini u ilma sanitarju mormi.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar is-sistemi għall-irkupru tas-sħana (kopja tal-proġett tas-sistemi għall-irkupru tas-sħana fis-seħħ, deskrizzjoni mingħand tekniku, eċċ.).

Kriterju 33. Regolazzjoni termali u iżolament tat-twieqi (sa 4 punti)

(a) it-temperatura f'kull kamra tal-klijenti għandha tiġi rregolata mill-klijenti. Is-sistema ta' regolazzjoni termali għandha tippermetti regolazzjoni individwali fi ħdan il-medda stabbilita li ġejja (2 punti):

i. it-temperatura tal-kamra, waqt li tkun fil-modalità ta' tkessiħ, tiġi stabbilita f'temperatura ta' aktar minn 22 °C tul is-sajf kollu;

ii. it-temperatura tal-kamra, waqt li tkun fil-modalità ta' tisħin, tiġi stabbilita f'temperatura ta' inqas minn 22 °C tul ix-xitwa kollha;

(b) 90 % tat-twieqi fi kmamar imsaħħnin u/jew bl-arja kkundizzjonata u fiż-żoni komuni għandhom ikunu iżolati b'talanqas ħġieġ doppju jew ekwivalenti (2 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni rilevanti dwar is-sistemi termoregolatorji, jew il-proċeduri segwiti biex jiġu stabbiliti l-meded magħżula tat-temperatura jew ritratti tat-twieqi. Fil-każ li jintuża iżolament tat-twieqi li jkun ekwivalenti għal ħġieġ multiplu għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni minn espert.

▼B

Kriterju 34. Tifi awtomatiku ta' tagħmir/apparat (sa 4,5 punti)

(a) 90 % tal-kmamar tal-klijenti fl-akkomodazzjoni turistika (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' tifi awtomatiku tas-sistemi tal-HVAC meta jinfetħu t-twieqi u meta l-klijenti jitilqu mill-kamra (1,5 punti).

(b) 90 % tal-kmamar tal-klijenti fl-akkomodazzjoni turistika (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu mgħammra b'sistema awtomatika li titfi d-dawl meta l-klijenti jitilqu mill-kamra (1,5 punti).

(c) 90 % tad-dawl ta' barra (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) li ma jkunx meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà għandu jintefa awtomatikament wara ħin iffissat, jew jinxtegħel permezz ta' sensur tal-prossimità (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand it-tekniċi professjonisti responsabbli mill-installazzjoni jew għall-manutenzjoni ta' dan l-apparat/tagħmir.

Kriterju 35. Tisħin/tkessiħ distrettwali u tkessiħ minn koġenerazzjoni (sa 4 punti)

(a) It-tisħin u/jew it-tkessiħ tal-akkomodazzjoni turistika għandu jiġi pprovdut minn sistema effiċjenti ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali. Għall-finijiet tal-Ekotikketta tal-UE, din hija ddefinita kif ġej: sistema ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali li tuża mill-inqas 50 % ta' enerġija rinnovabbli, 50 % tas-sħana mitlufa, 75 % ta' sħana koġenerata jew 50 % ta' kombinazzjoni ta' din l-enerġija u tas-sħana; kif iddefinit mid-Direttiva 2012/27/UE (2 punti).

(b) It-tkessiħ tal-akkomodazzjoni turistika għandu jiġi pprovdut minn unità ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja skont id-Direttiva 2012/27/UE (2 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar is-sistema distrettwali ta' tisħin u/jew ta' tkessiħ permezz ta' koġenerazzjoni.

Kriterju 36. Nixxiefa tal-idejn b'sensur tal-prossimità (punt 1)

In-nixxiefa tal-idejn kollha tal-elettriku għandhom ikunu mgħammra b'sensuri tal-prossimità, jew ikunu ngħataw tikketta tat-Tip I tal-ISO.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti ta' sostenn dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju. Fejn jintużaw prodotti bit-tikketta tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 37. Emissjonijiet minn Hiters tal-post (1,5 punti)

Għall-ħiters tal-post fl-akkomodazzjoni turistika l-kontenut ta' ossidu tan-nitroġenu (NO_x) tal-gass tal-egżost ma għandux jaqbeż il-valuri ta' limitu indikati fit-tabella hawn taħt, ikkalkolati skont l-atti li ġejjin:

▼B

(a) għall-ħiters idroniċi tal-post li jaħdmu bi fjuwil gassuż jew likwidu, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 ([1]);

(b) għall-ħiters idroniċi tal-post li jaħdmu bi fjuwil solidu, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 ([2]);

(c) għall-ħiters tal-post lokali li jaħdmu bi fjuwil gassuż jew likwidu, ir-Regolament (UE) 2015/1188;

(d) għall-ħiters tal-post lokali li jaħdmu bi fjuwil solidu, ir-Regolament(UE) 2015/1185.

Teknoloġija tal-ġeneratur tas-sħana	Limiti tal-emissjonijiet tan-NO_x
Ħiters tal-gass	Għall-ħiters idroniċi mgħammra b'magna b'kombustjoni interna: 240 mg/kWh ta' input tal-enerġija tal-GCV Għall-ħiters idroniċi u lokali mgħammra b'kombustjoni esterna (bojlers): 56 mg/kWh ta' input tal-enerġija tal-GCV
Ħiters tal-fjuwil likwidu	Għall-ħiters idroniċi mgħammra b'magna b'kombustjoni interna: 420 mg/kWh ta' input tal-enerġija tal-GCV Għall-ħiters idroniċi u lokali mgħammra b'kombustjoni esterna (bojlers): 120 mg/kWh ta' input tal-enerġija tal-GCV
Ħiters tal-fjuwil solidu	Ħiters tal-post idroniċi 200 mg/Nm^3 f'10 % ta' O_2 Ħiters tal-post lokali: 200 mg/Nm^3 bi 13 % O_2

Għall-bojlers li jaħdmu bi fjuwil solidu u l-ħiters tal-post lokali li jaħdmu bi fjuwil solidu fl-akkomodazzjoni turistika, l-emissjonijiet ta' materja partikolata (MP) tal-gass tal-egżost ma għandhomx jaqbżu l-valuri ta' limitu stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/1189 u fir-Regolament (UE) 2015/1185, rispettivament.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew mingħand it-tekniċi professjonali responsabbli mill-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-apparat għat-tisħin tal-post li jindikaw kif l-effiċjenza hija ssodisfata. Prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE għandhom jitqiesu bħala konformi. Prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq għandhom jitqiesu bħala konformi. Meta jintużaw prodotti b'ħiters idroniċi bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ngħatat skont id-Deċiżjoni 2014/314/UE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ, u jindika r-rekwiżiti tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO li jikkorrispondu mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 136).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bojlers tal-fjuwil solidu (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 100).

▼B

Kriterju 38. Akkwist ta' elettriku minn fornitur tal-elettriku rinnovabbli (sa 4 punti)

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandha tikkuntratta tariffa individwali tal-elettriku li l-100 % (it-taħlita ġenerali tal-fjuwil ikkummerċjalizzata mill-fornitur jew it-taħlita tal-fjuwil tal-prodott tat-tariffa mixtrija) tal-elettriku tagħha jkun ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fid-Direttiva 2009/28/KE (3 punti) u ċertifikata minn tikketta ta' elettriku ekoloġiku (4 punti).

(b) Alternattivament, il-100 % tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ċertifikat minn tikketta ta' elettriku ekoloġiku jista' jiġi akkwistat ukoll permezz tax-xiri separat ta' garanziji tal-oriġini kif definit fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2009/28/KE (3 punti).

Għall-fini ta' dan il-kriterju, it-tikketta ta' elettriku ekoloġiku għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. L-istandard tat-tikketta ta' kwalità tiġi verifikata minn organizzazzjoni indipendenti (parti terza).

2. L-elettriku ċċertifikat prokurat joriġina minn kapaċità ġdida ta' impjant li jipproduċi l-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ġie installat matul issentejn ta' qabel jew parti finanzjarja tal-elettriku ċċertifikat prokurat tintuża biex tippromwovi l-investiment f'kapaċitajiet ġodda ta' enerġija rinnovabbli.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mingħand il-fornitur(i) tal-elettriku (jew il-kuntratt miegħu/magħhom) li turi n-natura tas-sors(i) ta' enerġija rinnovabbli u l-perċentwal ta' elettriku fornut li jkun ġej minn sors rinnovabbli u fejn ikun rilevanti li l-100 % tal-elettriku mixtri jkun iċċertifikat jew ikun ingħata tikketta ambjentali ċertifikata minn parti terza. Barra minn hekk, għall-punt (b), għandhom jiġu pprovduti wkoll dikjarazzjonijiet mill-fornitur tal-garanziji tal-oriġini li juru l-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-kriterju 12(a).

Kriterju 39. Awtoġenerazzjoni ta' elettriku fuq il-post permezz ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (sa 5 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha faċilitajiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-post minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE, li jistgħu jinkludu: sistema fotovoltajka (pannell solari) jew idroelettrika lokali, ġeotermika, jew il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn bijomassa lokali jew mill-enerġija tar-riħ, li tiġġenera:

(a) mill-inqas 10 % tal-konsum ġenerali tal-elettriku fis-sena (punt 1);

(b) mill-inqas 20 % tal-konsum ġenerali tal-elettriku fis-sena (3 punti);

(c) mill-inqas 50 % tal-konsum ġenerali tal-elettriku fis-sena (5 punti).

Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, il-bijomassa lokali titqies bħala bijomassa minn sors li jinsab f'raġġ ta' 160 km mill-akkomodazzjoni turistika.

Jekk l-awtoġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli twassal għall-ħruġ ta' garanziji tal-oriġini, l-awtoġenerazzjoni tista' tittieħed biss inkunsiderazzjoni jekk il-garanziji tal-oriġini ma jispiċċawx fuq is-suq, iżda jiġu kanċellati biex jiġi kopert il-konsum lokali.

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar is-sistema fotovoltajka, idroelettrika, ġeotermali, tal-bijomassa jew tal-enerġija mir-riħ u data dwar il-produzzjoni attwali tagħha. Fil-każ li tintuża bijomassa lokali, l-applikant għandu jipprovdi evidenza tad-disponibbiltà lokali tal-bijomassa (eż. kuntratt tal-fornitur tal-bijomassa). Barra minn hekk, fejn tintuża sistema idroelettrika, l-applikant għandu jipprovdi permess/awtorizzazzjoni/konċessjoni valida f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli. Il-kalkolu tal- % iġġenerat tal-konsum ġenerali tas-sena preċedenti għall-applikazzjoni jista' jintuża biex tintwera l-kapaċità li jiġi sodisfatt dan il-kriterju.

Kriterju 40. Enerġija għat-tisħin minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (sa 3,5 punti)

(a) Mill-inqas 70 % tal-enerġija totali użata għat-tisħin jew għat-tkessiħ tal-kmamar (1,5 punti) u/jew għat-tisħin tal-ilma sanitarju (punt 1) għandha tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(b) 100 % tal-enerġija totali użata għat-tisħin jew għat-tkessiħ tal-kmamar (2 punti) u/jew għat-tisħin tal-ilma sanitarju (1,5 punti) għandha tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' data dwar l-enerġija kkunsmata u dokumentazzjoni li turi li talanqas 70 % jew 100 % ta' din l-enerġija ġejja minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Kriterju 41. Tisħin ta' pixxini (sa 1,5 punti)

(a) Mill-inqas 50 % tal-enerġija totali użata għat-tisħin tal-ilma tal-pixxini għandha tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE (punt 1).

(b) Mill-inqas 95 % tal-enerġija totali użata għat-tisħin tal-ilma tal-pixxini għandha tiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2009/28/KE (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' informazzjoni dwar l-enerġija kkunsmata għat-tisħin tal-ilma tal-pixxini u dokumentazzjoni li turi l-ammont ta' enerġija użata li tkun ġejja minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

ILMA

Kriterju 42. Fittings effiċjenti tal-ilma: Viti u doċoċ tal-kamra tal-banju (sa 4 punti)

(a) Ir-rata medja tal-fluss tal-ilma tad-doċoċ ma għandhiex taqbeż is-7 litri/minuta u l-viti tal-kamra tal-banju (minbarra l-banjijiet) ma għandhomx jaqbżu s-6 litri/minuta (2 punti).

(b) Talanqas 50 % tal-viti tal-kamra tal-banju u d-doċoċ (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu ingħataw l-ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2013/250/UE jew tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO (2 punti).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, u dokumentazzjoni rilevanti, flimkien ma' spjegazzjoni dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa l-kriterju, (eż. l-użu ta' miter tal-fluss jew barmil żgħir u arloġġ). Prodotti ta' rubinetterija sanitarja bl-Ekotikketta tal-UE u prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija hawn fuq għandhom jitqiesu bħala konformi. Fejn jintużaw prodotti ta' rubinetterija sanitarja bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ li turi li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2013/250/UE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketta oħra tat-Tip I, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I tal-ISO jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 43. Fittings effiċjenti tal-ilma: Tojlits u awrinari (sa 4,5 punti)

(a) L-awrinari kollha għandhom jużaw sistema mingħajr ilma (1,5 punti).

(b) Talanqas 50 % tal-awrinari (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu ingħataw l-ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2013/641/UE jew tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO (1,5 punti).

(c) Talanqas 50 % tat-tojlits (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) għandhom ikunu ingħataw l-ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2013/641/UE jew tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn. Prodotti ta' tojlits u awrinari bil-flaxing bl-Ekotikketta tal-UE jew prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO li jissodisfaw ir-rekwiżiti imsemmija hawn fuq għandhom jitqiesu bħala konformi. Fejn jintużaw prodotti ta' tojlits u awrinari bil-flaxing bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ li turi li l-ekotikketta ingħatat skont id-Deċiżjoni 2013/641/UE. Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 44. Konsum ta' ilma minn magni tal-ħasil tal-platti (2,5 punti)

Il-konsum tal-ilma tal-magni tal-ħasil tal-platti għandu jkun inqas mil-livell limitu kif stabbilit fit-tabella li ġejja, imkejjel skont l-istandard EN 50242, bl-użu taċ-ċiklu standard ta' tindif:

Sottogrupp tal-prodott	Konsum ta' ilma (Wt) [litri/ċiklu]
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti bi 15-il sett individwali	10
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti b'14-il sett individwali	10
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti bi 13-il sett individwali	10
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti bi 12-il sett individwali	9
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti b'9 settijiet individwali	9

▼B

Sottogrupp tal-prodott	Konsum ta' ilma (Wt) [litri/ċiklu]
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti b'6 settijiet individwali	7
Magni domestiċi tal-ħasil tal-platti b'4 settijiet individwali	9,5

Nota: Il-kriterju japplika biss għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010 ([1]).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew it-tekniċi professjonisti responsabbli mill-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-magni tal-ħasil tal-platti. Fil-każ li jiġi pprovdut biss il-konsum annwali, għandu jiġi preżunt għadd totali ta' 280 ċiklu standard ta' tindif fis-sena.

Kriterju 45. Konsum ta' ilma minn magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ (3 punti)

Il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ li jintużaw fl-akkomodazzjoni turistika mill-klijenti u mill-persunal jew dawk li jintużaw mill-fornitur tas-servizz tal-londri tal-akkomodazzjoni turistika għandhom talanqas jissodisfaw waħda mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-konsum ta' ilma ta' magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun inqas mil-livell limitu kif definit fit-tabella li ġejja, imkejjel skont l-istandard EN 60456, bl-użu taċ-ċiklu standard ta' tindif (programm għall-qoton f'temperatura ta' 60 °C):

Sottogrupp tal-prodott	Konsum ta' ilma: [litri/ċiklu]
Magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ b'kapaċità ggradata ta' 3 kg:	39
Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità ggradata ta' 3,5 kg	39
Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità ggradata ta' 4,5 kg	40
Magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ b'kapaċità ggradata ta' 5 kg	39
Magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ b'kapaċità ggradata ta' 6 kg	37
Magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ b'kapaċità ggradata ta' 7 kg	43
Magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ b'kapaċità ggradata ta' 8 kg	56

(b) għal magni kummerċjali jew professjonali tal-ħasil tal-ħwejjeġ, dawn ikollhom konsum medju ta' ilma għall-ħasil tal-ħwejjeġ ta' ≤ 7 L għal kull kg ta' materjal maħsul.

Nota: Il-punt (a) japplika biss għal magni domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010 ([2]).

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 31).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1015/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 21).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi speċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-manifattur jew it-tekniċi professjonisti responsabbli mill-installazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Għall-fini li tintwera konformità mal-punt a), fil-każ li jiġi pprovdut biss il-konsum annwali, għandu jiġi prežunt għadd totali ta' 220 ċiklu standard ta' tindif fis-sena.

Kriterju 46. Indikazzjonijiet dwar l-ebusija tal-ilma (sa 1,5 punti)

L-applikant għandu jissodisfa talanqas waħda mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Qrib żoni sanitarji/magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ/magni tal-ħasil tal-platti għandhom jintwerew spjegazzjonijiet dwar l-alkalinità tal-ilma lokali biex ir-residenti u l-persunal ikun jista' jagħmel użu aħjar mid-deterġenti (0,5 punti).

(b) Il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ/magni tal-ħasil tal-platti li jintużaw fl-akkomodazzjoni turistika mill-klijenti u mill-persunal għandhom jużaw sistema awtomatika ta' dożaġġ li tagħmel l-aħjar użu mid-deterġenti skont l-alkalinità tal-ilma (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni rilevanti li turi kif il-klijenti jiġu mgħarrfa jew informazzjoni rilevanti dwar is-sistemi ta' dożaġġ awtomatiku użati.

Kriterju 47. Ġestjoni ottimizzata ta' pixxini (sa 2,5 punti)

(a) Pixxini u banjijiet għall-idromassaġġi imsaħħnin li jkunu fuq barra għandhom jitgħattew bil-lejl. Pixxini u banjijiet għall-idromassaġġi mimlijin li ma jissaħħnux li jkunu fuq barra għandhom jitgħattew meta ma jkunux sejrin jintużaw għal aktar minn ġurnata sabiex titnaqqas l-evaporazzjoni (punt 1).

(b) Pixxini u banjijiet għall-idromassaġġi li jkunu fuq barra għandu jkollhom sistema awtomatika li tottimizza l-konsum tal-klorin permezz ta' dożaġġ ottimizzat jew jintużaw metodi supplimentari ta' diżinfezzjoni bħal ożonizzazzjoni u trattament bil-UV (0,5 punti) jew għandhom ikunu tat-tip naturali li jinkorpora sistemi naturali ta' filtrazzjoni bbażata fuq il-pjanti sabiex l-ilma jiġi purifikat sal-istandard ta' iġjene meħtieġ (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn (eż. ritratti li juru l-koperturi, sistemi ta' dożaġġ awtomatiku jew it-tip ta' pixxina, proċedura dokumentata għall-użu ta' sistemi ta' dożaġġ awtomatiku).

Kriterju 48. Riċiklaġġ tal-ilma tax-xita u tal-ilma griż (sa 3 punti)

L-akkomodazzjoni għandha tuża s-sorsi alternattivi ta' ilma li ġejjin għal skopijiet mhux sanitarji u mhux ta' xorb fil-faċilità ta' akkomodazzjoni:

i. ilma riċiklat jew ilma griż mil-londri u/jew mid-doċoċ u/jew mis-sinkijiet tal-kamra tal-banju (punt 1);

ii. ilma tax-xita mill-bjut (punt 1);

iii. ilma kondensat minn sistemi HVAC (punt 1).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' ritratti li juru sistemi alternattivi tad-distribuzzjoni tal-ilma, u assigurazzjonijiet xierqa li l-provvista tal-ilma sanitarju u tal-ilma għax-xorb tinżamm separata għal kollox.

▼B

Kriterju 49. Irrigazzjoni effiċjenti (1,5 punti)

L-applikant għandu jissodisfa talanqas waħda mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha proċedura dokumentata għat-tisqija taż-żoni/pjanti ta' barra, inklużi dettalji dwar kif il-ħinijiet tat-tisqija jkunu ġew ottimizzati u kif ikun ġie minimizzat il-konsum tal-ilma. Dan jista', pereżempju, jinkludi li ma ssir l-ebda tisqija fiż-żoni fuq barra. (1,5 punti).

(b) L-akkomodazzjoni turistika għandha tuża sistema awtomatika li ttejjeb il-ħinijiet ta' tisqija u l-konsum tal-ilma għaż-żoni/pjanti ta' barra. (1,5 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn inklużi dettalji tas-sistema/proċedura dokumentata għat-tisqija jew ritratti li juru s-sistemi ta' tisqija awtomatika.

Kriterju 50. Speċijiet indiġeni jew eżotiċi mhux invażivi użati għat-tħawwil fuq barra (sa 2 punti)

Matul il-perjodu ta' validità tal-Ekotikketta tal-UE, il-veġetazzjoni taż-żoni fuq barra, inkluża kwalunkwe veġetazzjoni akwatika, għandha tkun magħmula minn speċijiet indiġeni u/jew eżotiċi mhux invażivi:

i. nuqqas ta' speċijiet eżotiċi invażivi ta' tħassib għall-Unjoni (0,5 punti) (jista' jkun hemm speċijiet eżotiċi invażivi oħra preżenti),

ii. esklussivament speċijiet eżotiċi mhux invażivi (punt 1),

iii. speċijiet indiġeni u/jew eżotiċi mhux invażivi (1,5 punti),

iv. esklussivament speċijiet indiġeni (2 punti).

Għall-finijiet ta' din l-Ekotikketta tal-UE, speċijiet indiġeni tfisser speċi ta' pjanti preżenti b'mod naturali fil-pajjiż.

Għall-finijiet ta' din l-Ekotikketta tal-UE, speċijiet mhux invażivi tfisser speċi ta' pjanti li ma jkunux preżenti b'mod naturali fil-pajjiż u li dwarhom ma jkun hemm l-ebda evidenza li jirriproduċu, jistabbilixxu u jinfirxu faċilment jew li jista' jkollhom impatti negattivi fuq il-bijodiversità indiġena.

It-tħawwil fuq barra għandu jeskludi speċijiet eżotiċi invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi l-ispeċifikazzjoni rilevanti dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn minn espert.

([1]) Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

▼B

SKART U ILMA MORMI

Kriterju 51. Prodotti tal-karta (sa 2 punti)

90 % tal-kategoriji tal-prodotti tal-karta użati li ġejjin għandhom ikunu ingħataw l-Ekotikketta tal-UE jew tikketta oħra tat-Tip I tal-ISO (0,5 għal kull waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin, sa massimu ta' 2 punti):

(a) karta tat-tojlit,

(b) karta tixju,

(c) karti għall-uffiċċju,

(d) karta stampata,

(e) karta ttrasformata (eż. envelops).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi data u dokumentazzjoni (inklużi fatturi rilevanti) li jindikaw il-kwantitajiet ta' dawn il-prodotti użati u l-kwantitajiet li għandhom ekotikketta. Meta jintużaw prodotti bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat, skont kif ikun il-każ, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/256/UE ([1]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE ([2]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE ([3]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE ([4]). Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 52. Oġġetti li jservu fit-tul (sa 4 punti)

Talanqas 40 % (aġġustat sal-eqreb numru sħiħ li jmiss) ta' mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin ta' oġġetti li jservu fit-tul preżenti fl-akkomodazzjoni turistika għandha tkun ingħatat l-Ekotikketta tal-UE jew tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO (punt 1 għal kull kategorija, sa massimu ta' 4 punti):

(a) lożor tas-sodda, xugamani u dvalji tal-mejda,

(b) kompjuters,

(c) televiżjonijiet,

(d) saqqijiet tas-sodda,

(e) għamara tal-injam,

(f) vacuum cleaners,

(g) kisi tal-art,

(h) tagħmir tal-immaġini.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/256/UE tat-2 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tal-karta ttrasformata (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 24).

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE tas-16 ta' Awwissu 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta stampata (ĠU L 223, 21.8.2012, p. 55).

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/333/UE tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta għall-ikkupjar u l-karta grafika (ĠU L 149, 8.6.2011, p. 12).

([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja għall-karta assorbenti (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 87).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi data u dokumentazzjoni li tindika l-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti fil-pussess u l-kwantitajiet li għandhom ekotikketta. Fejn jintużaw prodotti bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat, skont kif ikun il-każ, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE ([1]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE ([2]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE ([3]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE ([4]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2016/1332/UE ([5]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/607/KE ([6]). Fejn jintużaw prodotti b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 53. Provvista ta' xorb (2 punti)

Jekk jiġi offrut xorb (eż. servizz ta' bar/restorant, ħwienet jew distributuri awtomatiċi) fiż-żoni li huma proprjetà' tal-akkomodazzjoni turistika jew ġestiti minnha, talanqas 50 % (punt 1) jew 70 % (2 punti) tal-provvista tax-xorb għandha ssir f'kontenituri li jistgħu jiġu ritornati/jimtlew mill-ġdid.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn jekk rilevanti.

Kriterju 54. Akkwist ta' deterġenti u ta' prodotti tal-indafa personali (sa 2 punti)

Talanqas 80 % tal-volum jew tal-piż mixtri ta' mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin ta' deterġenti jew ta' prodotti tal-indafa personali użati fl-akkomodazzjoni turistika għandha tkun ingħatat l-Ekotikketta tal-UE jew tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO (0,5 punti għal kull kategorija, sa massimu ta' 2 punti):

(a) deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn,

(b) deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti,

(c) deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ,

(d) naddafa ġenerali,

(e) deterġenti sanitarji,

(f) sapun u xampù,

(g) conditioner tax-xagħar.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE tal-5 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tessili (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 45).

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE tat-12 ta' Marzu 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet (ĠU L 82, 28.3.2009, p. 3).

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 18).

([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal kisi tal-injam tal-art (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32).

([5]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1332 tat-28 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 100).

([6]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/607/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lill-kisi iebes (ĠU L 208, 12.8.2009, p. 21).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi data u dokumentazzjoni li tindika l-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti fil-pussess u l-kwantitajiet li għandhom ekotikketta. Fejn jintużaw prodotti bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ biex juri li l-ekotikketta ingħatat, skont kif ikun il-każ, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE ([1]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE ([2]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE ([3]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE ([4]) jew skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/893/UE ([5]). Fejn jintuża prodott b'tikketti oħra tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tat-Tip I jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 55. Imminimizzar tal-użu ta' prodotti tat-tindif (1,5 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha proċeduri preċiżi għall-użu effiċjenti ta' prodotti tat-tindif, bħalma huwa l-użu ta' prodotti tal-mikrofibra jew materjali oħra tat-tindif b'effett simili u attivitajiet għat-tindif bl-ilma jew attivitajiet oħra tat-tindif b'effetti simili. Biex jiġi sodisfatt dan il-kriterju, it-tindif kollu għandu jsir permezz ta' metodu bbażat fuq l-użu effiċjenti tal-prodotti tat-tindif ħlief meta jkun meħtieġ bil-liġi jew minn prattiki tal-iġjene jew tas-saħħa u s-sigurtà.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn jekk rilevanti (eż. kopja tal-proċeduri, dettalji tekniċi tal-prodotti użati).

Kriterju 56. Tneħħija tas-silġ (punt 1)

Meta jkun hemm bżonn li s-silġ jitneħħa mit-toroq u dan isir mill-fornitur tal-akkomodazzjoni, għandhom jintużaw mezzi mekkaniċi, ramel/żrar jew prodotti għat-tneħħija tas-silġ li jkunu ngħataw tikketta tat-Tip I tal-ISO sabiex it-toroq fl-akkomodazzjoni turistika jkunu siguri f'każ li jagħmel is-silġ jew il-borra.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn. Fejn jintużaw prodotti għat-tneħħija tas-silġ li jkunu ngħataw tikketta tat-Tip I tal-ISO, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tat-tikketta tal-prodott jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ.

Kriterju 57. Tessuti u għamara użata (sa 2 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha proċedura fis-seħħ li tkopri:

(a) l-attivitajiet kollha ta' donazzjoni għall-għamara u għat-tessuti kollha li jilħqu t-tmiem tal-ħajja użabbli tagħhom fl-akkomodazzjoni turistika iżda li xorta jkunu jistgħu jintużaw. L-utenti aħħarin għandhom jinkludu impjegati u organizzazzjonijiet tal-karità jew assoċjazzjonijiet oħra li jiġbru u jirridistribwixxu l-prodotti (punt 1).

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 40).

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 22).

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 34).

([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji (ĠU L 169, 29.6.2011, p. 52).

([5]) 2014/893/UE: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad- 9 ta' Diċembru 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti kożmetiċi li jitlaħalhu (ĠU L 354, 11.12.2014, p. 47).

▼B

(b) l-attivitajiet kollha ta' akkwist ta' prodotti riutilizzati/użati għall-għamara. Il-forniturigħandhom jinkludu swieq ta' oġġetti użati jew assoċjazzjonijiet/organizzazzjonijiet oħra li jbiegħu jew jirridistribwixxu oġġetti użati (punt 1).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn eż. proċedura bil-miktub li tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-utent aħħari, irċevuti u reġistri ta' oġġetti li qabel ikunu ntużaw jew li jkunu ngħataw b'għotja eċċ.

Kriterju 58. Ikkompostjar (sa 2 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandha tissepara talanqas waħda mill-kategoriji rilevanti ta' skart sabiex jiġi żgurat li l-iskart jiġi magħmul f'kompost jew jintuża għall-produzzjoni ta' bijogass skont il-linji gwida tal-awtorità lokali (eż. mill-amministrazzjoni, internament jew minn aġenzija privata) (punt 1 għal kull kategorija, sa massimu ta' 2 punti):

(a) skart tal-ġonna,

(b) skart tal-ikel mis-servizzi tal-ikel,

(c) prodotti bijodegradabbli (eż. oġġetti li jintużaw darba biss li jkunu magħmula minn materjal abbażi tal-qamħirrum),

(d) skart bijodegradabbli li jiġi prodott mill-klijenti fil-kamra/akkomodazzjoni tagħhom.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn jekk rilevanti.

Kriterju 59. Trattament tal-ilma mormi (sa 3 punti)

(a) Jekk fl-akkomodazzjoni turistika jiġu offruti faċilitajiet għall-ħasil tal-karozzi, il-ħasil tal-karozzi għandu jitħalla biss f'żoni li jkunu mgħammra apposta b'mod li jinġabar l-ilma u d-deterġenti użati jintremew fis-sistema tad-drenaġġ (punt 1).

(b) Fejn ma jkunx possibbli li l-ilma mormi jintbagħat għal trattament ċentralizzat, it-trattament tal-ilma mormi fuq il-post għandu jinkludi pretrattament (tgħarbil/bar-rack, ekwalizzazzjoni u sedimentazzjoni) segwit minn trattament bijoloġiku bi tneħħija ta' > 95 % tad-DBOs (domanda bijokimika ta' ossiġenu), nitrifikazzjoni ta' > 90 %, u diġestjoni anaerobika (mhux fuq il-post) tal-ħama żejda (2 punti).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn (eż. ritratti għar-rekwiżit a) u speċifikazzjonijiet tekniċi mill-manifattur jew mit-tekniċi professjonali responsabbli mill-istallazzjoni, għall-bejgħ jew għall-manutenzjoni tas-sistema tal-ilma mormi għar-rekwiżit b)).

KRITERJI OĦRA

Kriterju 60. Projbizzjoni tat-tipjip fil-kmamar (punt 1)

It-tipjip għandu jkun ipprojbit fil-kmamar tal-klijenti jew fl-akkomodazzjonijiet tal-kiri.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u evidenza dokumentata bħal ritratti tas-sinjali murija ġewwa l-kmamar jew l-akkomodazzjonijiet tal-kiri.

▼B

Kriterju 61. Politika soċjali (sa 2 punti)

L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha politika soċjali bil-miktub sabiex jiġi żgurat talanqas wieħed mill-benefiċċji soċjali li ġejjin għall-persunal (0,5 punti għal kull benefiċċju, sa massimu ta' 2 punti):

(a) ħin liberu mix-xogħol għall-edukazzjoni,

(b) ikliet b'xejn jew kupuni tal-ikel,

(c) uniformijiet u ħwejjeġ tax-xogħol mingħajr ħlas,

(d) skont fuq prodotti/servizzi fl-akkomodazzjoni turistika,

(e) skema sussidjata ta' trasport sostenibbli,

(f) gwida biex jiksbu self għal dar.

Il-politika soċjali bil-miktub għandha tiġi aġġornata u tiġi komunikata lill-persunal kull sena. Il-persunal għandu jiffirma l-politika bil-miktub waqt is-sessjoni ta' komunikazzjoni. Id-dokument għandu jkun disponibbli għall-persunal kollu mid-desk tar-reception.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi kopja tal-politika soċjali bil-miktub iffirmata kif suppost mill-persunal u awtodikjarazzjoni li tispjega kif ir-rekwiżiti ta' hawn fuq huma sodisfatti. Barra minn hekk, il-korp kompetenti jista' jitlob evidenza dokumentata u/jew intervista għal għarrieda diretta mal-persunal waqt iż-żjara fuq il-post.

Kriterju 62. Manutenzjoni tal-vetturi (punt 1)

Ma għandhomx jintużaw vetturi b'mutur ta' kombustjoni għall-manutenzjoni tal-akkomodazzjoni turistika (punt 1).

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn.

Kriterju 63. Mezzi tat-trasport ambjentalment preferibbli offruti (sa 2,5 punti)

(a) L-akkomodazzjoni turistika għandha toffri lill-klijenti talanqas wieħed mill-mezzi ambjentalment preferibbilment ta' trasport li ġejjin (punt 1 kull wieħed, għal massimu ta' 2 punti):

i. vetturi elettriċi għas-servizz ta' trasport mal-wasla tal-klijenti jew għad-divertiment tal-klijenti;

ii. plaggs (stazzjonijiet għall-iċċarġjar) għall-vetturi elettriċi;

iii. talanqas rota 1 għal kull 5 lottijiet ta' art jew unitajiet tal-akkomodazzjoni tal-kiri jew kmamar.

(b) L-akkomodazzjoni turistika għandu jkollha sħubiji attivi ma' kumpaniji li jipprovdu vetturi elettriċi jew roti (0,5 punti).“Sħubija attiva” tfisserftehim bejn akkomodazzjoni turistika u kumpanija li tikri vetturi elettriċi jew roti. Informazzjoni dwar is-sħubija attiva għandha tkun viżibbli fuq il-post. Fejn il-kumpanija tal-kiri ma tkunx ibbażata fis-sit tal-akkomodazzjoni turistika, għandhom isiru ċerti kunsiderazzjonijiet prattiċi (eż. il-kumpanija li tikri r-roti tista' twassal ir-roti lis-servizz ta' akkomodazzjoni turistika).

▼B

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn u bi kwalunkwe informazzjoni li tingħata lill-klijenti.

Kriterju 64. Uċuħ mhux issiġillati (punt 1)

Talanqas 90 % tas-superfiċje taż-żoni fil-beraħ ġestiti mill-akkomodazzjoni turistika ma għandhiex tkun miksija bl-asfalt/siment jew b'materjali siġillanti oħra li jfixklu t-tneħħija tal-ilma mill-ħamrija u l-ventilazzjoni tal-ħamrija.

Fejn jinġabar l-ilma tax-xita u l-ilma griż, l-ilma tax-xita u l-ilma griż li ma jintużax għandu jiġi trattat u infiltrat fl-art.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tissodisfa dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn.

Kriterju 65. Prodotti lokali u organiċi (sa 4 punti)

(a) Għal kull ikla inkluż il-kolazzjoni għandhom jiġu offruti mill-inqas żewġ prodotti tal-ikel lokali u li ma jkunux barra mill-istaġun tagħhom (għal frott u ħxejjex friski) (punt 1).

(b) L-akkomodazzjoni turistika tagħżel b'mod attiv fornituri lokali ta' oġġetti u servizzi (punt 1).

(c) Mill-anqas 2 prodotti (1 punt) jew 4 prodotti (2 punti) li jintużaw fit-tħejjija tal-ikla ta' kuljum jew li jinbiegħu mill-fornitur tal-akkomodazzjoni għandhom ikunu ġew prodotti b'metodi organiċi ta' biedja, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]).

Għall-finijiet ta' dan il-kriterju, "lokali" tfisser li jkun jinsab f'raġġ ta' 160 kilometru mill-akkomodazzjoni turistika.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn. Meta jintużaw prodotti organiċi, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-prodott jew kopja tat-tikketta fuq l-imballaġġ li turi li ċ-ċertifikat ikun ingħata skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. F'ċerti pajjiżi, huwa possibbli li r-ristoranti u l-lukandi jingħataw ċertifikazzjoni minn xi skemi ta' tikkettar meta jużaw prodotti organiċi biss. Fejn akkomodazzjoni turistika tingħata ċertifikazzjoni minn dawn it-tipi ta' skemi, din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta bħala evidenza ta' konformità ma' dan il-kriterju.

Kriterju 66. Evitar ta' pestiċidi (2 punti)

Żoni fuq barra ġestiti mill-akkomodazzjoni turistika għandhom jiġu mmaniġġjati mingħajr l-użu ta' pestiċidi.

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-akkomodazzjoni turistika tevita l-pesti u timmaniġġja ż-żoni fuq barra. Din għandha tiġi ċċekkjata matul iż-żjara fuq il-post.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tal- 28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

▼B

Kriterju 67. Azzjonijiet ambjentali u soċjali addizzjonali (sa 3 punti)

Il-maniġment tal-akkomodazzjoni turistika għandu jieħu azzjonijiet, minbarra dawk previsti bħala kriterji f'din it-Taqsima jew fit-Taqsima A, biex itejjeb il-prestazzjoni ambjentali jew soċjali tal-akkomodazzjoni turistika.

(a) Azzjonijiet ambjentali addizzjonali (sa 0,5 punti kull waħda, sa massimu ta' 2 punti)

u/jew

(b) Azzjonijiet soċjali addizzjonali (sa 0,5 punti kull waħda, sa massimu ta' 1 punt):

Valutazzjoni u verifika

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' deskrizzjoni sħiħa (inklużi benefiċċji ambjentali jew soċjali dokumentati marbuta mal-azzjonijiet) ta' kull azzjoni addizzjonali li l-applikant jixtieq li titqies.